**Qorti Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Att ta' Akkuża numru 3/2016**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**kontra**

**KEVIN SAMMUT**

**Illum, 25 ta' Mejju, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza Nru. 3 tas-Sena 2016 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Kevin Sammut detentur tal-Karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 514880M, fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

Illi fit-8 ta' Settembru tas-sena 2009 l-*qua* akkuzat Kevin Sammut gie arrestat mill-pulizija wara diversi granet t' investigazzjonijiet kondotti mill-iskwadra ta' kontra d-Droga, liema investigazzjonijiet bdew in vista ta' informazzjoni kunfidenzjali li rcievet l-istess skwadra rigward 'deal' kbir ta' droga li kien ser isir fl-inhawi tas-Swieqi u tal-Madliena bejn persuni ta' nazzjonalita' Maltija u xi persuni barranin.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija irrizulta illi l-*qua* akkuzat Kevin Sammut fil-gimghat u xhur ta' qabel id-9 ta' Settembru 2009, iddecieda illi jibda jmexxi u jitraffika illegalment d-droga Cannabis. Ai fini ta' dana l-operat illegali tieghu l-akkuzat Sammut, diversi drabi u f'okkazzjonijiet differenti, b'ghan wiehed ftiehem u pjana ma terzi persuni l-mezzi ta' kif u meta kien ha jbiegh u jitraffika diversi ammonti sostanzjali ta' droga cannabis u dana ghal skopijiet ta' lukru ghalih personali.

Illi fil-fatt irrizulta illi fil-gimghat u xhur ta' qabel id-9 ta' Settembru 2009 l-qua akkuzat ftiehem u pjana ma terzi persuni (wiehed minnhom identifikat bhala Scott Dixon, persuna ohra ta' nazzjonalita' Maltija li l-identita' taghha mhijiex maghrufa u persuna ohra ta' nazzjonalita barranija riferuta mill-akkuzat stess bhala il-"Bulgaru") pjan elaborat ta' kif setgha jaghmel lukru illegali billi jircievi ghandu u jzomm fil-pussess tieghu ghal xi granet ammont kbir ta' droga Cannabis (skond Sammut stess bejn 500 u 700 kilo) sabiex sussegwentament din id-droga tigi mghoddija lil terzi persuni. Fil-fatt Sammut xjentement ftiehem u pjana ma terzi persuni l-ammont, natura tad-droga, il-hlas illi huwa kellu jinghata ghas-servizzi tieghu kif ukoll il-modalitajiet ta' kif huwa kellu jircievi l-imsemmija droga fosthom il-hin kif ukoll il-post fejn huwa kellu jiehu fil-pussess tieghu l-imsemmija droga. Illi in ezekuzzjoni ta' dan il-pjan miftiehem bejn Sammut u terzi persuni, fil-perjodu ta' zmien hawn fuq imsemmi, l-qua akkuzat Sammut flimkien ma Scott Dixon iltaqa ma persuni ohra ta' nazzjonalita' Maltija, li l-identita' taghhom mhijiex maghrufa, fejn il-Petrol Station tal-Balal, fejn hemmhekk nghata cwievet ta' van abjad tal-kiri li go fih kien hemm l-imsemmija droga bil-ghan illi Sammut jzomm l-istess droga ghandu sakemm dina tigi traffikata lil terzi. Ghas-servizzi minnu rezi Sammut ftiehem illi kellu jithallas is-somma ta' Eur. 7000.

Mill-investigazzjoniet irrizulta ukoll illi f'diversi okkazzjonijiet ohra fl-istess perjodu hawn fuq imsemmi, b'ghan wiehed, l-qua akkuzat Kevin Sammut xjentement ftiehem u pjana ma Scott Dixon diversi pjani elaborati u l-mezzi ta' kif jittraffika lil terzi persuni ammonti sostanzjali ta' droga Cannabis li kellu fil-pussess tieghu. Fil-fatt Sammut xjentement ftiehem u pjana ma Scott Dixon kif, meta, l-

ammont u lil min kellha tigi traffikata d-droga Cannabis hawn fuq imsemmija sabiex sussegwentament il-qliegh mill-imsemmi attivita illegali, kif miftiehem bejniethom, jigi maqsum nofs bin-nofs bejn il-qua akkuzat u Scott Dixon.
B'dan il-ghan, f'okkazzjoni minnhom, fil-perjodu hawn fuq imsemmi, Sammut xjentement ftiehem ma terzi li kellu jghaddi hames blokkok Cannabis lil persuna mhux maghrufa ta' nazzjonalita' Franciza gewwa l-parking area ta' fejn il-gym fejn kien jahdem Scott Dixon. Illi in ezekuzzjoni ta' dan il-pjan miftiehem minn qabel, l-qua akkuzat ircieva s-somma ta' madwar Eur. 1600 u dana wara li l-qliegh ta' dan it-traffikar inqassam bin-nofs bejn l-istess akkuzat u Dixon, hekk kif miftiehem minn qabel bejniethom.

F' okkazzjoni ohra, fl-istess perjodu ta' zmien hawn fuq imsemmi, l-qua akkuzat Sammut xjentement ftiehem u pjana ma terzi persuni (Scott Dixon u zewgt persuni ta' nazzjonalita' barranija identifikati bhala Thomas Mikalauskas u Jovica Kolakovic) pjan elaborat ta' kif kellha tigi traffikata ammont kbir ta' droga Cannabis li kien ghad fadal fil-pussess tieghu. B'dan il-ghan huwa iltaqa personalment ma Mikalauskas u Kolakovic fejn gie miftiehem u maqbul bejn il-partijiet illi l-ewwel Sammut kellu jaghtihom blokka wahda ta' droga Cannabis u wara l-kumplament miftiehem bejniethom. Gew miftema ukoll il-modalitajiet kif Sammut kellu jghaddi l-imsemmija blokka lil Mikalauskas u Kolakovic, u cioe' dakinhar stess billi Mikalauskas u Kolakovic isuqu warajh halli hu jkun jista jghaddielhom id-droga Cannabis. Fil-fatt in ezekuzzjoni ta' dan il-pjan Sammut irnexxielu jitraffika l-imsemmija droga. Barra minnhekk Sammut xjentement ftiehem u pjana flimkien ma l-imsemmija Mikalauskas u Kolakovic kif kien ser ibieghilhom 14-il blokka ohra Cannabis. Ghal dan il-ghan Sammut ftiehem ma l-imsemmija persuni d-data (8 ta' Settembru 2009), il-hin, il-post (fl-inhawi ta' Green Grove Hotel) kif ukoll l-ammont (14-il blokka) u n-natura ta' droga (pjanti tal-Cannabis pressati) illi huwa kellu jitraffika lill-imsemmija Mikalauskas u Kolakovic. Illi in ezekuzzjoni ta' dan il- pjan hawn fuq miftiehem, Sammut ghadda u traffika l-imsemmija 14-il blokka Cannabis lil Mikalauskas u Kolakovic, liema droga fortunatament instabet mill-pulizija flimkien mal-blokka Cannabis ittraffikata l-gurnata ta' qabel ghand l-istess

Mikalauskas u Kolakovic qabel ma gew mghoddija lil terzi persuni wara tfittxija li saret mill-pulizija in konnessjoni ma dan il-kaz.

Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Kevin Sammut datati 21 ta' Frar 2005 u 26 ta' Settembru 2005 rispettivament, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Illi b-ghemilu, l-imsemmi Kevin Sammut sar hati talli, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika d-droga f'Malta (raza cannabis u/jew il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; kif ukoll li huwa recediv f'delitt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi u in bazi ghall-fatti narrati fil-paragrafi precedenti u ghac-cirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, jakkuza lill- imsemmi Kevin Sammut, recediv f'delitt, hati talli fid-9 ta' Settembru 2009 fix-xhur u l-gimghat ta qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta jew ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika d-droga f'Malta (raza cannabis u/jew il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir- reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u

jintqal fl-artikoli 2,8, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

Illi fil-gimghat u xhur ta' qabel Settembru 2009, fl-istess cirkostanzi imsemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuza, l-*qua* akkuzat Kevin Sammut ddecieda li jibda illegalment imexxi u jittraffika fid-droga perikoluza Cannabis.

Fil-fatt fil-kuntest tac-cirkostanzi u żmien imsemmi fl-ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuża u ċioe' fid-disgħa (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) kif ukoll fil-gimghat u xhur ta' qabel, in ezekuzzjoni tal-ftehiem u l-pjanijiet hawn fuq imsemmija fil- Kap precedenti ta' dan l-Att ta' l-Akkuza, l-qua akkuzat Sammut, f'diversi okkazzjonijiet differenti, b'ghan wiehed, biegh id-droga Cannabis lil terzi persuni ai fini ta' lukru personali u dana wara illi l-istess droga giet mghoddija lilu minghand terzi persuni.

Fost diversi okkazzjonijiet, fil-granet ta' qabel id-9 ta' Settembru 2009 u fic-cirkostanzi imsemmija fl-ewwel Kap ta' dina l-Att ta' l-Akkuza, l-qua akkuzat Sammut, biegh blokka wahda ta' droga Cannabis lil zewgt persuni barranin, Mikaluaskas u Kolakovic, bil-ghan illi sussegwentament jigi traffikat ammont ikbar ta' droga Cannabis minn Sammut lil dawn iz-zewgt persuni. Fil-fatt fit- 8 ta' Settembru 2009 l-qua akkuzat Sammut biegh u traffika l-ammont sostanzjali ta' erbatax-il blokka ta' droga Cannabis lill-imsemmija Nikaluaskas u Kolakovic. Fortunatament dina droga (it-total ta' hmistax-il blokka Cannabis) instabet mill-pulizija waqt l-investigazzjonijiet u tfittxijiet illi saru rigward il-mertu tal-kaz odjern.

Illi minn ezamijiet illi saru fuq dina s-sustanza gie determinat illi l-imsemmija hmistax-il blokka kienu pjanti pressati tal-Cannabis li fihom instabet is-sustanza

Tetrahydrocannabbinol (THC). Il-piz net totali ta' dawn il-hmistax-il blokka huwa dak ta' 14,618 grammi filwaqt illi l-purita medja tal-istess kienet dik ta' circa 8.31%. Il-valur ta' din is-sustanza kien stmat illi huwa ta' Eur. 93,701.

Illi l-pjanta cannabis hija ikkontrollata bil-ligi taħt l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-*qua* akkuzat Kevin Sammut ma' kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess jew ibiegh l-imsemmija sustanza.

Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Kevin Sammut datati 21 ta' Frar 2005 u 26 ta' Settembru 2005 rispettivament, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Illi b'għemilu Kevin Sammut sar ħati talli b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, pproduca, biegħ jew xort'oħra ttraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha Pubblika u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita' apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha Pubblika li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; kif ukoll li huwa recediv f'delitt;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, u in bazi ghall-fatti narrati fil-paragrafi precedenti u ghac-cirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi Kevin Sammut, recediv f'delitt, ħati talli fid-9 ta' Settembru 2009 fix-xhur u l-gimghat ta qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu

ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, pproduca biegħ jew xort'oħra ttraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha Pubblika u minghar ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita' apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga imsemmija, u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; u ghalhekk jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi Kevin Sammut u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir- reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7, 8, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ipremetta:

Illi fil-gimghat u xhur ta' qabel Settembru 2009, fl-istess cirkostanzi imsemmija fil-Kapi precedenti ta' dan l-Att t'Akkuza, l-*qua* akkuzat Kevin Sammut ddecieda li jinvolvi ruhu f'cirku ta' traffikar tad-droga perikoluza Cannabis. Ghal dan il-ghan huwa accetta illi jzomm fil-pussess tieghu ammont konsiderevoli ta' droga Cannabis bil-ghan illi sussegwentament l-istess sustanza illecita tigi mghoddija lil terzi persuni u dana dejjem ghal skopijiet ta' lukru.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija irrizulta illi fil-gimghat u xhur ta' qabel id-9 ta' Settembru 2009, fic-cirkostanzi imsemmija fil-Kapi precedenti ta' dina l-Att ta' l-Akkuza, l-qua akkuzat ftiehem ma terzi persuni sabiex izomm fil-pussess u that il-kontrol tieghu ammont sostanzjali ta' droga Cannabis, li skond l-akkuzat stess kien jammonta bejn il-500 u 700 kilo Cannabis, sabiex sussegwentament dan l-istess ammont jigi traffikat lil terzi. Illi in ezekuzzjoni ta' dan il-pjan, fil-gimghat u l-granet ta' qabel id-9 ta' Settembru 2009, l-akkuzat iltaqa ma terzi persuni li ghaddewlu dana l-ammont sostanzjali ta' droga Cannabis gewwa van tal-kiri. L-akkuzat stqarr illi heba l-imsemmija sustanza illecita f'zewgt postijiet differenti u cioe' gewwa hofra taht l-art fl-inhawi ta' Victoria Gardens, fl-Ibragg u gewwa il-fond Villa Nina, gewwa Triq il-Fortizza, gewwa l-Madliena, f'liema Villa Sammut kien jahdem bhala gardinar.

Fil-fatt mill-investigazzjonijiet tal-pulizija, partikolarment mit-tfittxijiet li saru mill-pulizija fil-postijiet hawn fuq imsemmija, indikati mill-qua akkuzat stess bhala l-postijiet illi fihom kien heba d-droga Cannabis, instab is-segwenti:

- gewwa hofra taht l-art fl-inhawi ta' Victoria Gardens, fl-Ibragg instabu 389 blokka ta' pjanti pressati li l-piz nett totali taghhom kien ta' 378,884.4 grammi, instabu li kienu pjanti pressati tal-Cannabis b'purita medja ta' circa 8.9%. Il-valur totali tal-imsemmija blokki tal-pjanti tal-cannabis gie stmat illi huwa dak ta' Eur. 4,925,497.00; u
- gewwa il-fond Villa Nina, gewwa Triq il-Fortizza, gewwa l-Madliena instabu 63 blokka ta' pjanti Cannabis pressati li l-piz nett totali taghhom kien ta' 62,971.8 grammi, b'purita ta' circa 8.4% u b'valur ta' Eur. 818,633.40;

F'dawn il-blokki ta' pjanti pressati tal-Cannabis instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) li hija kkontrollata bil-ligi taht Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u Kevin Sammut ma' kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess jew ibiegh l-imsemmija sustanza;

Illi barra minnhekk, mill-investigazzjonijiet ta' l-pulizija rrizulta ukoll illi qabel l-arrest ta' l-qua akkuzat Sammut, u cioe' fil-granet ta' qabel id-9 ta' Settembru 2009, Sammut kien biegh u ittraffika 15-il blokka ta' pjanti Cannabis lil Mikalauskas u Kolakovic (hekk kif intqal fil-Kap precedenti ta' dan l-Att t'Akkuza). Fil-fatt dawn il-hmistax-il blokka instabu fil-pussess ta' Mikalauskas u Kolakovic fit-tfittxijiet li saru mill-pulizija. Mill-annalizi li saret fuq l-imsemmija sustanza irrizulta illi dawn kienu pjanti pressati tal-Cannabis li fihom instabet is-sustanza Tetrahydrocannabbinol (THC). Il-piz net totali ta' dawn il-hmistax-il blokka huwa dak ta' 14,618 grammi filwaqt illi l-purita medja tal-istess kienet dik ta' circa 8.31%. Il-valur ta' din is-sustanza kien stmat illi huwa ta' Eur. 93,701. Ghaldaqstant jirrizulta illi fil-gimghat u xhur ta' qabel id-9 ta' Settembru 2009, l-qua akkuzat Kevin Sammut kien ukoll fil-pussess ta' l-imsemmija hmistax-il blokka ta' pjanti Cannabis pressati u dana qabel ma ghaddiehom lil Mikalauskas u Kolakovic. L-ammont kunsiderevoli ta' blokki ta' pjanti tal-Cannabis li kienu fil-pussess ta' l-qua akkuzat Kevin Sammut huwa indikattiv illi <u>tali droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu</u> izda sabiex tigi traffikata lil terzi persuni, u dana hekk ukoll kif sahansitra stqarr l-qua akkuzat stess u kif fil-fatt sar.

Illi kif intqal iktar 'il fuq is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC), li instabet f'dawn il-blokki ta' pjanti pressati tal-Cannabis, hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u Kevin Sammut ma' kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess jew ibiegh l-imsemmija sustanza.

Illi ghaldaqstant jirrizulta illi fil-gimghat u xhur ta' qabel id-9 ta' Settembru 2009, l-qua akkuzat Kevin Sammut kien xjentement fil-pussess ta' dawn il-blokki ta' pjanti Cannabis pressati, <u>liema droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu</u> u dana hekk kif jindika l-ammont sostanzjali ta' droga misjuba u kif sahansitra stqarr l-istess akkuzat.

Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Kevin Sammut datati 21 ta' Frar 2005 u 26 ta' Settembru 2005 rispettivament, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Illi b'għemilu l-imsemmi akkużat Kevin Sammut sar ħati talli kellu fil-pussess xjenti tiegħu il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx 'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li <u>dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu</u>; kif ukoll illi huwa recediv f'delitt;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, u in bazi ghall-fatti narrati fil-paragrafi precedenti u ghac-cirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat Kevin Sammut, recediv f'delitt, ħati talli fid-9 ta' Settembru 2009 u fil-jiem, gimghat u xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kien fil-pussess xjenti tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sashha li jkollu dik id-

droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir- reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(d), 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ipremetta:

Illi fil-gimghat u xhur ta' qabel Settembru 2009, fl-istess cirkostanzi imsemmija fil-Kapi precedenti ta' dan l-Att t'Akkuza, l-*qua* akkuzat Kevin Sammut ddecieda li jinvolvi ruhu f'cirku ta' traffikar tad-droga perikoluza Cannabis. Ghal dan il-ghan huwa accetta illi jzomm fil-pussess tieghu ammont konsiderevoli ta' droga Cannabis bil-ghan illi sussegwentament l-istess sustanza illecita tigi mghoddija lil terzi persuni u dana dejjem ghal skopijiet ta' lukru.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija irrizulta illi fil-gimghat u xhur ta' qabel id-9 ta' Settembru 2009, fic-cirkostanzi imsemmija fil-Kapi precedenti ta' dina l-Att ta' l-Akkuza, l-qua akkuzat ftiehem ma terzi persuni sabiex izomm fil-pussess tieghu ammont sostanzjali ta' droga Cannabis, li skond l-akkuzat stess kien jammonta bejn il-500 u 700 kilo Cannabis, sabiex sussegwentament dan l-istess ammont jigu mghoddija lil terzi. Illi in ezekuzzjoni ta' dan il-pjan, fil-gimghat u l-granet ta' qabel id-9 ta' Settembru 2009, l-akkuzat iltaqa ma terszi persuni li ghaddewlu dana l-ammont sostanzjali ta' droga Cannabis gewwa van tal-kiri. L-akkuzat stqarr illi heba l-imsemmija sustanza illecita f'zewgt postijiet differenti u cioe' gewwa hofra

taht l-art fl-inhawi ta' Victoria Gardens, fl-Ibragg u gewwa il-fond Villa Nina, gewwa Triq il-Fortizza, gewwa l-Madliena, f'liema Villa Sammut kien jahdem bhala gardinar.

Fil-fatt mill-investigazzjonijiet tal-pulizija, partikolarment fit-tfittxijiet li saru mill-pulizija f'postijiet indikati mill-qua akkuzat stess bhala l-postijiet illi fihom kien heba d-droga Cannabis, fosthom gewwa <u>il-fond Villa Nina, gewwa Triq il-Fortizza, gewwa l-Madliena</u> instabu ukoll 20 blokka ta' sustanza ta' lewn kannella, li l-piz nett totali taghhom kien ta' 19, 683.6 grammi. Meta dina s-sustanza giet analizzata mill-ispizjar irrizulta illi dawn l-ghoxrin blokka ta' lewn kannella kienu raza tal-pjanti Cannabis, li fihom instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC), b'purita medja ta' circa 9.2% u b'valur ta' Eur. 944,805.28.

Ir-raza tal-pjanta Cannabis, li go fiha tinstab is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) hija ikkontrollata taht l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u Kevin Sammut ma' kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess jew ibiegh l-imsemmija sustanza.

Illi ghaldaqstant jirrizulta illi fil-gimghat u xhur ta' qabel id-9 ta' Settembru 2009, l-qua akkuzat Kevin Sammut kien xjentement fil-pussess ta' dawn il-blokki raza tal-pjanti Cannabis, <u>liema droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu</u> u dana hekk kif jindika l-ammont sostanzjali ta' droga misjuba u kif sahansitra stqarr l-istess akkuzat.

Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Kevin Sammut datati 21 ta' Frar 2005 u 26 ta' Settembru 2005 rispettivament, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Kevin Sammut sar hati talli kellu fil-pussess xjenti tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; kif ukoll li huwa recediv f'delitt

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi, u in bazi ghall-fatti narrati fil-paragrafi precedenti u ghac-cirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, jakkuza lill-imsemmi Kevin Sammut, recediv f'delitt, hati talli fid-9 ta' Settembru 2009 fix-xhur, u l-gimghat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess xjenti tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi Kevin Sammut u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24

u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-akkuzat Kevin Sammut, pprezentata fir-registru ta' din l-Onorbbli Qorti fis-6 ta' April, 2016, fejn espona bir-rispett:

1. In-nullita' tat-tieni kap tal-att tal-akkuza in kawntu l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat fih dedott ma giex indikat kif rikjest mill-paragrafu (d) ta' l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali.

2. In-nullita' tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' kap tal-att tal-akkuza in kwantu r-reati hemm dedotti ma gewx deskritti kif migjuba jew imfissra mill-ligi kif rikjest mill-paragrafu (d) tal-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali;

3. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, l-inammissibilita' tal-istqarrija u l-istqarrija guramentata tal-esponenti kif ukoll l-inammissibilita' t' kwalsiasi referenza ghal dawn l-istqarrijiet mix-xhieda li xehedu fl-istruttorja in kwantu l-imsemmija stqarrijiet ittiehdu minghajr ma l-esponent kien assistit minn avukat;

4. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-inammissibilita' tax-xhieda indikati mill-Avukat Generali Scott Dixon, Jovica Kolakovic u Tomas Mikalauskas, kif ukoll tal-istqarrijiet guramentati taghhom, in kwantu ghandhom jitqiesu skont il-ligi bhala ko-akkuzati.

5. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-inamissibilita' tax-xhud indikat mill-Avukat Generali Jonathan Sammut in kwantu, fl-ewwel lok qatt ma xehed fl-istruttorja u fit-tieni lok, fin-nuqqas ta' indikazzjoni tal-iskop tax-xhieda tieghu, tali xhieda ghandha titqies bhala inammissibbli.

Rat illi din il-Qorti ppronunciet ruhha fuq l-eccezzjonijiet preliminari sucitati permezz ta' zewg sentenzi datati d-29 ta' Lulju, 2021 u 3 ta' Mejju, 2022. Permezz tal-ewwel sentenza u cioe' dik datata d-29 ta' Lulju, 2021, l-istqarrija tal-akkuzat Sammut, kif ukoll kwalunkwe referenza ghaliha, giet iddikjarata inammissibli u sfilzata mill-atti processwali. Din is-sentenza giet ikkonfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-16 ta' Frar, 2022.

Rat illi wara li inghata awtorizazzjoni minn din il-Qorti,[1] l-akkuzat ressaq nota' eccezzjonijiet ulterjuri, pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Novembru, 2022 fejn ecepixxa s-segwenti:

1. *L-inammissibilita' tas-segwenti partijiet tal-parti tan-narrattiva ta' l-ewwel, it-tlieta u raba' kap ta' l-att ta' l-akkuza:*

   *Fl-ewwel kap tal-att ta' l-akkuza:*

   *"… (skond Sammut stess bejn 500 u 700 kilo)…".*

   *Fit-tielet u r-raba' kap ta' l-att ta' l-akkuza:*

   *"… li skond l-akkuzat stess kien jammonta bejn il-500 u 700 kilo Cannabis…"*

   *"l-akkuzat stqarr illi heba l-imsemmija sustanza illecita f'zewgt postijiet differenti u cioe' gewwa hofra that l-art fl-inhawi ta' Victoria Gardens, fl-Ibragg u gewwa l-fond Villa Nina, gewwa Triq il-Fortizza, gewwa l-Madliena, f'liema Villa Sammut kien jahdem bhala gardinar"*

   *"… partikolarment mit-tfittxijiet li saru mill-pulizija fil-postijiet hawn fuq imsemmija, indikati mill-qua akkuzat stress bhala l-postijiet illi fihom kien heba d-droga Cannabis…";*

[1] Permezz ta' sentenza datata 25 t' Ottubru, 2022.

2. *L-inammissibilita' ta'xhieda tax-xhieda tal-prosekuzzjoni li hija msejjsa fuq dak mistqarr mill-esponent fil-perjodu kollu ta' l-investigazzjoni qabel ma huwa gie mressaq il-Qorti inkluz l-indikazzjonijiet moghtija mill-esponent lill-investigaturi;*

3. *L-inammissibilita' ta' kwalsiasi referenza ghad-droga misjuba mill-pulizija bhala konsegwenza ta' l-indikazzjonijiet ta' l-esponent.*

Rat illi permezz ta' verbal data it-22 ta' Novembru, 2022, l-Qorti attirat l-attenzjoni tad-difiza illi t-tieni eccezzjoni sollevata minnha fl-11 ta' Novembru, 2022, hija wiesa wisq u ghalhekk talbet lill-istess difiza sabiex tindika permezz ta' nota liema huma dawk ix-xhieda li fil-fatt ibbazaw ix-xhieda taghhom fuq dak li ntqal lilhom jew li allegatament intqal lilhom mill-akkuzat.

L-Avukat Generali talab li din il-klarifika issir ukoll rigward it-tielet eccezzjoni.

Rat illi fis-seduta datata t-28 ta' Marzu, 2023 giet esebita nota mid-difiza ghan-nom tal-akkuzat fejn ghamlu kopja tax-xhieda rilevanti ghal dawn l-eccezzjonijiet u indikaw permezz ta' *highlighter* liema huma l-brani li ghalihom qed jaghmlu referenza. Din ix-xhieda hija dik elenkata:

- Spettur Pierre Grech (14 ta' Settembru, 2009 -fol 18 et seq);
- PC 10 Trevor Cassar Mallia (14 ta' Settembru, 2009 -fol 36 et seq);
- PS 579 Antoine Micallef (14 ta' Settembru, 2009 -fol 40 et seq);
- WPC 127 Carmen Gauci (14 ta' Settembru, 2009 -fol 54 et seq);
- PC 213 Nicolai Borg (14 ta' Settembru, 2009 -fol 58 et seq);
- PC 1319 Matthew Xuereb (14 ta' Settembru, 2009 -fol 62 et seq);
- PC 1174 Adrian Sciberras (22 ta' Settembru, 2009 -fol 107 et seq);
- Supretendent Norbert Ciappara (22 ta' Settembru, 2009 -fol 110 et seq);
- PS 1086 Johann Micallef (3 ta' Novembru, 2009 -fol 143 et seq);
- Lawrence Degabriele (11 ta' Dicembru, 2009 – fol 150 et seq);
- PS 239 Joseph Caruana (17 ta' Frar, 2010 – fol 185 et seq);
- Perit Richard Aquilina (17 ta' Frar, 2010 - fol 188 et seq);

- Spizjar Mario Mifsud (25 ta' Marzu, 2010 -fol 216 et seq);
- PC 1253 Fredrick Brincat (25 ta' Marzu, 2010 -fol 335 et seq);
- Supretendent Norbert Ciappara (4 t' Awwissu, 2010 – fol 373 et seq);
- PC 404 Paul Camilleri (4 t' Awwissu, 2010 - fol 400 et seq);
- PC 1525 Patrick Farrugia (4 t' Awwissu, 2010 - fol 403 et seq);
- Dr Nicholas Borg (4 t' Awwissu, 2010 - fol 407 et seq);
- Martin Bajada (6 ta' Settembru, 2010 - fol 415 et seq);
- PC 1525 Patrick Farrugia u PS 659 Jeffrey Hughes (6 ta' Settembru, 2010 - fol 435 et seq);
- PC 1525 Patrick Farrugia u PS 659 Jeffrey Hughes (11 ta' Jannar, 2011 - fol 464 et seq);
- Spizjar Mario Mifsud (18 ta' Frar, 2011 – fol 478 et seq);
- PS 171 Karl Glanville u PS 465 Daniel Abela (11 ta' Mejju, 2011 – fol 509 et seq);
- Spizjar Mario Mifsud (21 ta' Gunju, 2011 – fol 526 et seq);
- Spizjar Mario Mifsud (20 ta' Gunju, 2012 – fol 577);
- PC 453 Brian Cassar (1 ta' Dicembru, 2015 – fol 798).

L-akuzzat ecepixxa wkoll illi biz-zewg eccezzjonijiet imsemmija ghamel referenza wkoll ghar-relazzjonijiet kollha pprezentati minn dawn ix-xhieda in kwantu msejjsa fuq l-istess materja kontenuta fit-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari.

**Ikkunsidrat,**

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni ulterjuri, l-akkuzat qieghed jitlob l-inammissibilita' ta' partijiet min-narrativa ta' l-ewwel, it-tielet u raba' kap ta' l-att ta' l-akkuza. Din l-inammissibilta' qedgha tintalab stante li hemm referenza ghal dak li qal l-akkuzat fl-istqarrija tieghu, li kif diga' gie ritenut *supra*, din l-istess stqarrija giet iddikjarata inammissibli u sfilzata mill-atti.

F'din l-ewwel eccezzjoni, permezz ta'nota t'eccezzjonijiet ulterjuri datata l-11 ta' Novembru, 2022, l-akkuzat qieghed jitlob illi fl-ewwel kap tal-att t'akkuza

jitnehhew il-kelmiet *"… (skond Sammut stess bejn 500 u 700 kilo)…"*. L-Avukat Generali fis-seduta datata 20 t' April, 2023, iddikjarat illi hemm qbil illi dawn il-kelmiet ghandhom jigu ddikjarati inammissibli u konsegwentament sfilzati mill-ewwel kap tal-att t'akkuza.

In oltre, L-Avukat Generali ddikjarat li taqbel ukoll illi fit-tielet u r-raba' kap ta' l-att ta' l-akkuza, fejn hemm refrenza ghall-kelmiet *"… li skond l-akkuzat stess kien jammonta bejn il-500 u 700 kilo Cannabis…"* dawn ukoll ghandhom jigu ddikjarati inammissibli u konsegwentament sfilzati.

Fir-rigward it-talba tal-akkuzat fejn talab l-isfilz tas-segwenti paragrafu mit-tielet u r-raba' kap tal-att t'akkuza:

> *"l-akkuzat stqarr illi heba l-imsemmija sustanza illecita f'zewgt postijiet differenti u cioe' gewwa hofra that l-art fl-inhawi ta' Victoria Gardens, fl-Ibragg u gewwa l-fond Villa Nina, gewwa Triq il-Fortizza, gewwa l-Madliena, f'liema Villa Sammut kien jahdem bhala gardinar"*

L-Avukat Generali tenniet illi ma hemmx qbil fir-rigward tat-tieni paragrafu u dan stante li ma taqbilx li ghandu jitnehha fl-intier tieghu. L-Avukat Generali ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti fejn din kienet ipprovdiet sabiex ma ssirx referenza biss, ghal dak li kien qal Sammut. Huwa fatt li l-pulizija marru fuq il-post u sabu d-droga ghaliex din kienet parti mill-investigazzjoni. Li ma jistghux jghidu l-pulizija hu li kien qalilhom Sammut b'din id-droga.[2] L-Avukat Generali ghaldaqstant talbet illi l-paragrafu sucitat ghandu jigi mibdul billi jithehhew il-kelmiet *"l-akkuzat stqarr illi heba"* u allura l-paragrafu jibda bil-kelmiet *'L-imsemmija sustanza illecita giet mohbija'* u b'hekk ma jkunx hemm referenza ghal min hbieha. Ghaldaqstant L-Avukat Generali qieghed jghid illi dan il-paragrafu ghandu jaqra hekk:

[2] Minkejja li ma gietx verbalizzata, fit-trattazjoni specifikament 06.11 tar-recording, instema l-Avukat tad-difiza jghid il-kliem 'naqblu ta'.

*'L-imsemmija sustanza illecita giet mohbija f'zewgt postijiet differenti u cioe' gewwa hofra that l-art fl-inhawi ta ' Victoria Gardens, fl-Ibragg u gewwa l-fond Villa Nina, gewwa Triq il-Fortizza, gewwa l-Madliena, f'liema Villa Sammut kien jahdem bhala gardinar"*

Fir-rigward tat-tielet paragrafu, fejn l-akkuzat talab l-inammissibilta' u l-konsegwenti sfilz tieghu mit-tielet u r-raba' kap tal-att t'akkuza, dan jipprovdi hekk:

*"… partikolarment mit-tfittxijiet li saru mill-pulizija fil-postijiet hawn fuq imsemmija, indikati mill-qua akkuzat stess bhala l-postijiet illi fihom kien heba d-droga Cannabis…";*

L-Avukat Generali qalet illi dan ukoll ma ghandux jigi ddikjarat inammissibli u sfilzat fl-intier tieghu izda ghandhom jigu mnehhija biss il-kelmiet '*indikati mill-qua akkuzat stess bhala l-postijiet illi fihom kien heba d-droga Cannabis…'*. Ghaldaqstant dan ghandu jigi jaqra biss hekk: "*…partikolarment mit-tfittxijiet li saru mill-pulizija fil-postijiet hawn fuq imsemmija."*

Din il-Qorti staqsiet lid-difiza jekk taqbilx ma dawn l-emendi hekk kif proposti mill-Avukat Generali, madankollu d-difiza stqarret illi qabel jaraw l-Att t' Akkuza kif korretta fl-intier taghha, hu daqsxejn difficli biex jivverifikaw dawn l-emendi. Wiehed mill-avukati difensuri qal illi huma jaqblu illi l-eccezzjoni taghhom hija ndirizzata ghal partijiet tal-istqarrija pero' m'ghandhomx ikun hemm partijiet fl-att tal-akkuza illi m'ghandhom l-ebda rabta mal-akkuzat sempliciment biex il-gurati jigu mpressjonati bl-ewwel kliem li jinqraw lilhom meta jidhlu fil-Qorti. Ghal dan l-Avukat Generali sostniet illi jekk il-fatti msemmija fin-narrativa tal-att t'akkuza jigux ippruvati o meno hija xi haga li trid tigi deciza mill-gurati. Ghalhekk f'dan l-istadju dak li rridu naraw huwa li l-partijiet jaderixxu ruhhom mas-sentenza tal-

Qorti. Id-difiza accennat illi mhux qed jaqblu izda li qed ihallu f'idejn il-Qorti sabiex tasal ghal decizjoni.

Din il-Qorti minghajr telf ta'zmien tghid illi din il-Qorti trid taderixxi ruhha mas-sentenza li hi taghat precedentament fejn hija ordnat l-inammissibilta' u l-konsegwenti sfilz tal-istqarrija tal-akkuzat u kull referenza ghaliha. Ghaldaqstant fejn hemm referenza ghal tali stqarrija indubjament trid titnehha, madankollu din trid issir b'cirkospezzjoni kbira. Jekk il-pulizija, tramite l-investigazzjoni li huma kkonducew waslu ghal stat ta' fatt, dan ma ghandux jigi ddikjarat inammissibli u konsegwentament sfilzat.

In vista, tas-suespost, din il-Qorti qedgha tilqa' l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-akkuzat fejn dan talab illi fl-ewwel kap tal-att t'akkuza jitnehhew il-kelmiet *"… (skond Sammut stess bejn 500 u 700 kilo)…"*. Din il-Qorti taqbel ukoll illi fit-tielet u r-raba' kap ta' l-att ta' l-akkuza, fejn hemm refrenza ghall-kelmiet *"… li skond l-akkuzat stess kien jammonta bejn il-500 u 700 kilo Cannabis…"* dawn ukoll ghandhom jigu ddikjarati inammissibli u konsegwentament sfilzati.

Sekondarjament, fejn fl-istess eccezzjoni l-akkuzat talab l-isfilz tas-segwenti paragrafu mit-tielet u r-raba' kap tal-att t'akkuza:

> *"l-akkuzat stqarr illi heba l-imsemmija sustanza illecita f'zewgt postijiet differenti u cioe' gewwa hofra that l-art fl-inhawi ta' Victoria Gardens, fl-Ibragg u gewwa l-fond Villa Nina, gewwa Triq il-Fortizza, gewwa l-Madliena, f'liema Villa Sammut kien jahdem bhala gardinar"*

Din il-Qorti ma taqbilx mal-isfilz ta'dan il-paragrafu fl-intier tieghu u ghalhekk qedgha tichad din il-parti tal-eccezzjoni tal-akkuzat izda titlob korrezzjoni sabiex tali paragrafu jigi jaqra hekk:

*'L-imsemmija sustanza illecita giet mohbija f'zewgt postijiet differenti u cioe' gewwa hofra that l-art fl-inhawi ta' Victoria Gardens, fl-Ibragg u gewwa l-fond Villa Nina, gewwa Triq il-Fortizza, gewwa l-Madliena, f'liema Villa Sammut kien jahdem bhala gardinar"*

Fir-rigward tat-tielet paragrafu tal-ewwel eccezjoni fejn l-akkuzat talab l-inammissibilta' u l-konsegwenti sfilz tieghu, mit-tielet u r-raba' kap tal-att t'akkuza, dan jipprovdi hekk:

*"… partikolarment mit-tfittxijiet li saru mill-pulizija fil-postijiet hawn fuq imsemmija, indikati mill-qua akkuzat stress bhala l-postijiet illi fihom kien heba d-droga Cannabis…";*

Din il-Qorti taqbel mal-Avukat Generali fejn din tenniet illi ghandhom jigu mnehhija biss il-kelmiet '*indikati mill-qua akkuzat stess bhala l-postijiet illi fihom kien heba d-droga Cannabis…'*. Ghaldaqstant din il-Qorti mhux taqbel mal-akkuzat li din il-frazi ghandha tigi ddikjarata inammissibli u sfilzata fl-intier taghha u ghalhekk qedgha tichad din il-parti tal-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat, izda qedgha titlob korrezzjoni sabiex din il-frazi taqra biss hekk : "*…partikolarment mit-tfittxijiet li saru mill-pulizija fil-postijiet hawn fuq imsemmija."*

Fir-rigward it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-akkuzat, dan tal-ahhar ipprezenta nota fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2023 li giet anke riprodotta iktar il-fuq fejn permezz taghha ndikaw bi precizjoni liema kienu dawk il-partijiet ta' l-atti processwali li ghalihom kienu qed jaghmlu referenza f'dawn l-eccezzjonijiet. Ghalhekk din il-Qorti ser tkun qeghda tifli x-xhieda ndikati wiehed, wiehed.

Qabel tibda dan l-ezercizzju din il-Qorti ser taghmilha cara illi ser ikun hemm istanzi ndikati mid-difiza, fejn l-akkuzat ikun tkellem ma xi xhieda tal-prosekuzzjoni qabel ma ttihdet l-istqarrija tieghu u dawn l-istess xhieda iddeponew quddiem l-ewwel qorti dwar dak li kien qalilhom l-akkuzat innifsu. Huwa

mghallem illi dak li jghid l-akkuzat qabel jinghata d-drittijiet u jirilaxxa l-istqarrija tieghu ghandu jigi kkunsidrat bhala inammissibli. Tajjeb li jigi enfasizzat illi d-drittijiet tal-akkuzat fl-2009 kienu limitati u nfatti fir-rigward tal-istqarrija ghalhekk din il-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha f'sentenza precedenti. Mhux sodisfacenti li xhud jghid li l-akkuzat inghata d-drittijiet tieghu qabel gie mitkellem, minghajr ma jinghad xi drittijiet fil-verita' inghataw lill-akkuzat. Ghaldaqstant, din il-Qorti fejn ser ikun hemm referenza ghal dawn l-istanzi, sejra wkoll tiddikjarahom bhala inammissibli u tordna l-isfilz *ex officio*.

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu l-akkuzat qieghed jitlob l-inammissibilta ta' xhieda tax-xhieda tal-prosekuzzjonili hija msejsa fuq dak mistqarr minnu fil-perjodu kollu tal-investigazzjoni qabel ma huwa gie mressaq il-Qorti inkluz l-indikazzjonijiet moghtija minnu mill-investigaturi. In oltre, permezz tat-tielet eccezzjoni, l-akkuzat qieghed jecepixxi l-inammissibilita' ta' kwalsiasi referenza ghad-droga misjuba mill-pulizija bhala konsegwenza ta' l-indikazzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tenfasizza mill-gdid illi fejn hemm referenza ghall-istqarrija indubjament din trid tigi ddikjarata inammissibli, madankollu irid jigi mfakkar illi l-pulizija ghamlet l-investigazzjonijiet taghha u tramite dawn l-istess investigazzjonijiet li huma kkonducew waslu ghal stat ta' fatt li dan il-Qorti temmen li ma ghandux jigi ddikjarat inammissibli.

L-ewwel xhud indikat mid-difiza huwa **<u>l-Ispettur Pierre Grech</u>**. Din il-Qorti, b'referenza ghall-ewwel parti mmarkata mid-difiza a fol. 22 u cioe':

> ***<u>Hemm hekk wkoll is-Sur Kevin Sammut tkellem mal-pulizija fejn hu minn jeddu beda jikkollabora mal-pulizija u anke semmielhom li kien jaf b'xi droga li kien heba hu stess gewwa hofra li tigi f'xi ghalqa wara l- Halland Hotel ta' l-Ibragg limiti tas-Swieqi. Hemm hekk hu mar u wera lill-pulizija fejn qegħda din il-hofra u fil-fatt jiena gejt infurmat mill-pulizija</u>***

Din il-Qorti taqbel li jghandu jigi ddikjarat inammissibli u dan stante li jirreferi partikolarment ghal dak li qal l-akkuzat qabel irrilaxxa l-istqarrija.

It-tieni paragrafu a fol. 22 ikkwotat mid-difiza jipprovdi hekk:

> ***'Li nixtieq nghid wkoll li meta Kevin wriena t-toqba, hemm hekk bl-assistenza verbali tieghu ghax hu kien jaf iktar minnha x'hemm u ma hemmx, il-pulizija u l-esperti forensici mexxielhom itellghu dawn l-affarijiet li semmielna is-Sur Kevin Sammut li kienu jikkonsistu fi 28 xkora li kull wahda minnhom kienet mimlija b'diversi pakketti allegatament cannabis li fil-fatt kienu hafna minnhom, fil-fatt kull ma kien hemm differenti, il- fatt hafna minnhom kienu suspettati cannabis resin imma l-bulk tal-pakketti go dawn l-ixkejjer kienu jikkonsistu f'pakketti li kienu jikkonsistu minn cannabis grass. Nixtieq nghid wkoll li dawn il-pakketti kienu simili hafna tal-pakketti li nstabu kmieni'***

Din il-Qorti sejra tipproduci l-istess paragrafu, fejn dak li jidrilha ghandu jigi sfilzat ser jigi ndikat b'puntini u l-kumplament jibqa' l-istess:

> ***' ……, il-pulizija u l-esperti forensici mexxielhom itellghu dawn l-affarijiet ……… li kienu jikkonsistu fi 28 xkora li kull wahda minnhom kienet mimlija b'diversi pakketti allegatament cannabis li fil-fatt kienu hafna minnhom, fil-fatt kull ma kien hemm differenti, il- fatt hafna minnhom kienu suspettati cannabis resin imma l-bulk tal-pakketti go dawn l-ixkejjer kienu jikkonsistu f'pakketti li kienu jikkonsistu minn cannabis grass. Nixtieq nghid wkoll li dawn il-pakketti kienu simili hafna tal-pakketti li nstabu kmieni'***

L-akkuzat permezz tan-nota tieghu indika s-segwenti kliem a fol. 23, li qed jigu sottolinjati, sabiex jigu sfilzati mill-process:

***'wara nofsinhar ghand iz-zewg barranin gewwa l-Greengrove Guest house tas-Swieqi. Waqt li konna qeghdin hemm u anke Kevin stess kellem lill-pulizija u fil-fatt mhux lili biss imma anke lili infurmani, qalli isma gewwa Villa Nina tal-Madliena fejn gie -nnutat qieghed ma huh filgħodu, fuq ir-raff tal-garaxx ta' din il Villa Nina, u spjegali fejn fuq ir-raff, qalilna jekk ghamiltu x search hemm hekk, kien impossibbli ssibuhom, hemm xi zewg pakketti ohra simili. U fil-fatt dak infurmani minn jeddu hu, kemm lili u kemm lil shabi fuq il-post tal-hofra biex niftehmu u fil-fatt minn hemm hekk jiena tajt instructions kemm tal-forensic u kemm pulizija ohra u fil-fatt x'hin lestejna l-bicca xoghol hdejn din il-hofra jiena infurmajt lil tal-forensic fuq din il-bicca xoghol ta' Villa Nina u regghu marru Villa Nina*** *u kien hemm wkoll jakkumpanja lill-pulizija is-Sur Kevin Sammut* ***u regghu nizlu Villa Nina sabiex jaghmlu din it-tfittxija li kien infurmana hu biha li kien hemm xi zewg pakketti li qatt il-pulzija ma setghet ssib ghax kienu mohbijin tajjeb fuq ir-raff. U fil-fatt hekk gara sabu dawn iz-zewg pakketti u imbghad is-Sur Kevin Sammut wara din il-bicca xoghol tal-Madliena kien ttiehed id-depot tal-pulizija ghal iktar stharrig.*** *Li rrid nghid wkoll, dik il-gurata stess,* ***il-pulizija kienet ghamlet search gewwa Villa Nina pero dak il-hin mhux fil- presenza tas-Sur Kevin Sammut ghax kien għadu ma nstabx. Villa Nina qegħda gewwa l-Madliena u rrizulta wkoll li din hija ta' bniedem anzjan, barranin li bħal issa insjet x'jismu li dan jikri lis-Sur Kevin Sammut bhala gardinar.*** *Hemm hekk fis-search li ghamlet il-pulizija li kien prezenti għaliha wkoll l-ispettur Norbert Ciappara,* ***kien hemm hajt falz, speci ta' hajt falz ghax hu daqxejn imtarrag, il-hajt naturali huwa maghmul mill-blat u allura minn bena dan il-garaxx bena hajt li wara tista' facilment bniedem jista jidhol bejn dan il-hajt naturali u l-hajt falz u fejn hemm hekk***

***instabu 4 kaxxi b'allegatament pakketti kontenenti allegatament cannabis grass, instabu 4 kaxxi tal-plastic imdaqqsin u mimlija.*** *Fil-fatt wkoll iktar tard f'xi apparatmenti gewwa l-Madliena kienet saret search fuq koppja ta' nazzjonalita Ingliza, mara u ragel fejn għandhom kien instab xi droga* ***li hija simili ghal dik li ssemmiet f'dan il-kaz.*** *Fil-fatt* ***is-Sur Kevin Sammut rrilaxxja stqarrija li giet anke guramentata quddiem il-Magistrat Micallef Trigona. Jiena għal kull buon fini ser nipprezenta photo copy taghha pero mhux 1-original ghax l-original ghad trid tigi prezentata f'dawn l-atti meta tinghalaq mill-Magistrat Micallef Trigona. Din l-istqarrija hija magħmula minn 5 pagni u saret minn Kevin Sammut. Ttiehdet mill-Ispettur Norbert Ciappara fil- presenza ta' PS 1086 Micallef fejn l-imputat ghazel li jiffirma u fil-fatt qed nara l-firma kemm tieghu u kemm ta' PS 1086 u kemm ta' l-Ispettur Ciappara u hawn hekk hawn miktub li nghatat is-solitu twissija qabel ma ttiehed dan l-istatement. Nixtieq ninnota li jiena ma kontx prezenti ghal din l-istqarrija pero ser nipprezentaha ghal kull buon fini***

*Qorti :* ***Dok PG***

*Xhud: Nixtieq inzid ukoll illi waqt li kienu qed jingħaddu l-blokok ta' l- ixkejjer etc li nstabu din l-allegata droga, is-Sur Kevin Sammut kien prezenti wkoll.*

*Qorti : Kontro ezami*

*Avukat:* ***Spettur, inti dik l-istqarrija li pprezentajt giet guramentata'***

Din il-Qorti sejra issa tipproduci l-istess test, fejn dak li jidrilha ghandu jigi sfilzat ser jigi ndikat b'puntini u l-kumplament jibqa' l-istess:

***'wara nofsinhar ghand iz-zewg barranin gewwa l-Greengrove Guest house tas-Swieqi. ………fil-fatt minn hemm hekk jiena tajt instructions kemm tal-forensic u kemm pulizija ohra u fil-fatt x'hin lestejna l-bicca xoghol hdejn din il-hofra jiena infurmajt lil tal-forensic fuq din il-bicca xoghol ta' Villa Nina u regghu marru Villa Nina*** *u kien hemm wkoll jakkumpanja lill-pulizija is-Sur Kevin Sammut* ***u regghu nizlu Villa Nina sabiex jaghmlu din it-tfittxija …………………U fil-fatt hekk gara sabu dawn iz-zewg pakketti u imbghad is-Sur Kevin Sammut wara din il-bicca xoghol tal-Madliena kien ttiehed id-depot tal-pulizija ghal iktar stharrig.*** *Li rrid nghid wkoll, dik il-gurata stess,* ***il-pulizija kienet ghamlet search gewwa Villa Nina pero dak il-hin mhux fil- presenza tas-Sur Kevin Sammut ghax kien għadu ma nstabx. Villa Nina qegħda gewwa l-Madliena u rrizulta wkoll li din hija ta' bniedem anzjan, barranin li bħal issa insjet x'jismu li dan jikri lis-Sur Kevin Sammut bhala gardinar.*** *Hemm hekk fis-search li ghamlet il-pulizija li kien prezenti għaliha wkoll l-ispettur Norbert Ciappara,* ***kien hemm hajt falz, speci ta' hajt falz ghax hu daqxejn imtarrag, il-hajt naturali huwa maghmul mill-blat u allura minn bena dan il-garaxx bena hajt li wara tista' facilment bniedem jista jidhol bejn dan il-hajt naturali u l-hajt falz u fejn hemm hekk instabu 4 kaxxi b'allegatament pakketti kontenenti allegatament cannabis grass, instabu 4 kaxxi tal-plastic imdaqqsin u mimlija.*** *Fil-fatt wkoll iktar tard f'xi apparatmenti gewwa l-Madliena kienet saret search fuq koppja ta' nazzjonalita Ingliza, mara u ragel fejn għandhom kien instab xi droga* ***li hija simili ghal dik I ssemmiet f'dan il-kaz.*** ………………………………………………………………………

*Qorti: ……………………………..*

*Xhud: Nixtieq inzid ukoll illi waqt li kienu qed jingħaddu l-blokok ta' l- ixkejjer etc li nstabu din l-allegata droga, is-Sur Kevin Sammut kien prezenti wkoll.*

*Qorti : Kontro ezami*

*Avukat: …………….*

Folio 26 tal-process, id-difiza iccitat is-segwenti sentenzi sabiex jigu ddikjarati inammissibli u li ser jigu sottolinjati:

*'Xhud:* ***Hu dak li qal, beda jsemmi li issa taghmel ix-xita u jigi l-ilma, dak li kien qal.***

*Avukat: Fil-fatt dawn il-kaxxi li qed nirreferu ghalihom li kienu f'din il-hofra partikolari*

*Xhud: Fil-fatt mhux kaxxi.* ***Gol-hofra kienu 28 xkora tan-nylon.'***

Filwaqt li din il-Qorti taqbel li ghandha tigi ddikjarata inammissibli l-ewwel sentenza u cioe' *'Xhud:* ***Hu dak li qal, beda jsemmi li issa taghmel ix-xita u jigi l-ilma, dak li kien qal.****'* ma taqbilx illi l-kliem 'Gol-hofra kienu 28 xkora tan-nylon.' ghandhom jigu ddikjarati inammissibli.

Folio 27 tal-process, id-difiza iccitat is-segwenti sentenzi sabiex jigu sfilzati u li ser jigu sottolinjati:

*'Xhud:* ***Nizel u imbghad l-ixkejjer bdew johorgu. Jorbothom biex jittelghu u xi hadd minn fuq itella' l-ixkejjer***

*Avukat:* ***<u>Mela ara hux qed nifhem sew, sabiex jinhargu dawn l-ixkejjer minn din il-hofra, essenzjalment jehtieg zewg persuni, biex wiehed minn isfel itella' ghal fuq</u>***

*Xhud:* ***<u>Iva</u>'***

Din il-Qorti ma taqbilx illi dawn il-frazijiet ghandhom jigu ddikjarati inammissibli.

Folio 29 tal-process, id-difiza iccitat is-segwenti sentenzi sabiex ukoll jigi ddikjarati inammissibli minn din il-Qorti u li ser jigu sottolinjati:

*'Avukat:* ***<u>Inti spjegajtilna u ghidtilna li din l-istqarrija giet guramentata</u>***

*Xhud:* ***<u>Iva</u>***

*Avukat:* ***<u>Nifhem sew ukoll li allura min-naha ta' l-imputat kien hemm koperazzjoni mhux hazin maghkom</u>***

*Xhud:* ***<u>Iva u fil-fatt jiena mix-xhieda tieghi sa fejn dak li naf jiena, anke kif gie rrapurtat lili, hu steess anke meta kien f'idejn il-pulizija indika dan il-post tal-hofra, indika anke lil pulizija ohra u anke meta mort inkellmu jiena u qalli isma jista' jkun li jekk ghamiltu xi search gewwa Villa Nina l-Madliena, jaf l-affarijiet l-ohra sibtuhom imma mija fill-mija li ma sibtuhomx.'</u>***

Il-Qorti taqbel illi dawn is-siltiet ghandhom jigu ddikjarati inammissibli fl-intier taghhom u ghandhom jigu mibdula b'puntini fil-process.

Illi kif diga' gie kkonfermat mis-sentenza ta' din il-Qorti u sussegwentament mill-Qorti tal-Appell Kriminali wkoll, Dok PG a fol. 221 et seq tal-process, hija llum inammissibli u ghalhekk gahndha tigi sfilzata mill-atti prcesswali.

It-tieni xhud indikat mid-difiza huwa **PC 10 Trevor Cassar Mallia**. Din il-Qorti, b'referenza ghall-ewwel parti mmarkata mid-difiza a fol.37 u cioe':

> ***'..hu qalilna jekk sibniex xi drogi l-Madliena u ghidnilu iva u qalilna li go xi kaxxi fuq wara tal-villa u ghidnilu li sibnihom u qal li kellu xi pakketti ohra fuq ir-raff u ghidtlu issa niccekjaw ghax ma sibnihomx. Ghidlu ghandek xi haga ohra? Qalli iva ghandi fit-toqba. Fil-fatt hadna fuq il-post. Qalilna dawk tfajthom hemm hekk jiena biex narmihom. Hadna fuq il-post li jigi wara l-Halland f'Victoria Gardens. Qala' l-pjanca, kien hemm xi gebel u nizel PS 1174 Adrian u qalilna li kien hemm diversi xkejjer.'***

Din il-Qorti temmen illi dan il-paragrafu ghandu jigi ddikjarat inammissibli ghajr ghall-ahhar sentenza u cioe' fejn hemm referenza li ***'..nizel PS 1174 Adrian u qalilna li kien hemm diversi xkejjer.'*** Filwaqt illi l-kontenut tas-sentenzi precedenti jitkellmu dwar x'qal l-akkuzat lill-pulizija, din l-ahhar sentenza titkellem dwar x'ghamel PS 1174 u x'qal li kien ra. Ghaldaqstant din il-Qorti taqbel li ghandu jigi ddikjarat inammissibli l-paragrafu kollu indikat, ghajr ghall-parti ndikata sussegwentament:

> ***'.. nizel PS 1174 Adrian u qalilna li kien hemm diversi xkejjer.'***

Folio 38, l-akkuzat indika li s-sentenza '***Ghax ahna morna ma Kevin li hadna fuq il-post***' li jemmen ukoll li ghandha tigi sfilzata mill-atti. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech fejn a fol. 22 fejn dan tal-ahhar qal hekk meta xehed quddiem l-ewwel qorti, ***'...jiena mort fuq il-post fejn indikawli l-pulizija li qeghdin mas-Sur Kevin Sammut'***. L-akkuzat ma talabx

li din is-sentenza tigi sfilzata mill-atti u ghalhekk din il-Qorti tifhem illi l-akkuzat qieghed jitlob ghall-isfilz ta' '***Ghax ahna morna ma Kevin li hadna fuq il-post***' ghaliex hemm indikazzjoni li kien l-akkuzat li kien hadhom fuq il-post. Ghalhekk din is-sentenza ghandha taqra biss hekk '***Ghax ahna morna ma Kevin…fuq il-post.'***

Fir-rigward ta' **PS 579 Antoine Micallef**, minn fol. 41 tal-process, l-akkuzat qieghed jitlob li jigu sfilzati s-sentenzi sottolinjati:

> *'tnejn li huma gew arrestati. Ghall-habta tat-8.00pm jiena flimkien ma membri ohra tad-drug squad morna fir-residenza ta' l-imputat Kevin Sammut fejn hemm hekk kien hemm il-genituri tieghu u tlabniehom biex jikkuntattjawh li ahna qed nistennewh id-dar ghax irriduh in konnessjoni ma xi droga.* ***Ftit wara rega cempel fejn tkellem ma pulizija minn taghna, Matthew u komplejt inkellmu jiena fejn hemm hekk qalli li dahal f'basla ma xi barranin.*** *Ghidtlu biex jigi d-dar jew inkella jmur fuq il-post fejn il-villa tas-sinjur.* ***Iktar tard rega cempel u qalli li ghax dahal f'basla ma xi barranin u dawn il-barranin ma jafx min huma f'dak l-istadju.*** *Ftit wara gie fuq il-post u dahal id-dar tieghu fejn tkellimna jiena u PC 10 fejn PC 10 tah it-twissija u* ***hu qalilna li fil-villa tas-sinjur fil-Madliena ghandu 4 kaxxi bid-droga u zewg pakketti ohra fuq ir-raff. Qalilna li ghandu xi haga go xi ghalqa.*** *Meta morna fil-karozza* ***jiena u PC 10 u PS 1174 staqsejnieh fejn hi l-għalqa u qalilna nurikom il-bir fejn armejt l-ixkejjer. Fil-fatt hadna wara l-Halland Hotel l-Ibragg u indikalna toqba fl-art fejn kien hemm xi xkejjer.*** *Nizel PS 1174 biex jara x'kien hemm fejn ra li kien hemm xi xkejjer b'xi affarijiet. STennejna lil membri ohra tad-drug squad flimkien ma tal-forensika u lill-perit Richard Aquilina fejn gie fuq il-post u PS 1174 nizel fil-bir u bdejna intellghu l-ixkejjer fejn mizulta li kien hemm 28 xkora mimlija bi blokok. Kollha gew elevati minn membri tal-forensika.* ***Wara morna f'Villa Nina Triq il-Fortizza tal-Madliena Madliena fejn hemm hekk rega wriena fuq ir-raff***

***zewg blokok ohra suspettati tal-cannabis li gew elevati minn membri tal-forensika. Wara morna fejn Ta Soldi fejn hu indikalna fejn kien rema' mobile phone li kellu pero ma stajniex insibuh. Gie arrestat ghal iktar investigazzjonijiet'***

Din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tipproduci l-istess estratt tax-xhieda, u fejn taqbel li ghandu jigi dikkjarat inammissibbli ser tindikah b'puntini:

*'tnejn li huma gew arrestati. Ghall-habta tat-8.00pm jiena flimkien ma membri ohra tad-drug squad morna fir-residenza ta' l-imputat Kevin Sammut fejn hemm hekk kien hemm il-genituri tieghu u tlabniehom biex jikkuntattjawh li ahna qed nistennewh id-dar ghax irriduh in konnessjoni ma xi droga.* ***Ftit wara rega cempel fejn tkellem ma pulizija minn taghna, Matthew u komplejt inkellmu jiena………………*** *Ghidtlu biex jigi d-dar jew inkella jmur fuq il-post fejn il-villa tas-sinjur.* ***…………………………………………………………………………………*** *Ftit wara gie fuq il-post u dahal id-dar tieghu fejn tkellimna jiena u PC 10 fejn PC 10 tah it-twissija* ***……………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………….*** *Meta morna fil-karozza* ***……………………………………………….****Nizel PS 1174 biex jara x'kien hemm fejn ra li kien hemm xi xkejjer b'xi affarijiet. STennejna lil membri ohra tad-drug squad flimkien ma tal-forensika u lill-perit Richard Aquilina fejn gie fuq il-post u PS 1174 nizel fil-bir u bdejna intellghu l-ixkejjer fejn mizulta li kien hemm 28 xkora mimlija bi blokok. Kollha gew elevati minn membri tal-forensika.* ***Wara morna f'Villa Nina Triq il-Fortizza tal-Madliena Madliena fejn hemm hekk ……… fuq ir-raff zewg blokok ohra suspettati tal-cannabis li gew elevati minn membri tal-forensika. ……………………………………… Gie arrestat ghal iktar investigazzjonijiet'***

Folio 42 tal-process, din il-Qorti taqbel mal-akkuzat illi ghandhom jigu ddikjarati inammissibli s-segwenti mill-process:

> ***'L-Imgarr fejn hemm ir-restaurant ta' Soldi u faccata tieghu qalilna li rema mobile pero ma stajniex insibuh. Fuqu kienu cemplulu l-barranin.'***
>
> ***'U qalilna li l-ixkejjer tefaghhom fil-bir ghax malli taghmel l-ewwel xita jitgherrew.'***
>
> ***'Tikkonferma wkoll illi fil-fatt hu riedek iggib in-numru tal-mobile tieghu u dan l-mobile sabiex tkunu tistghu tistabillixxu n-numru ta' dawn il-barranin'***

Folio 43 tal-process din il-Qorti taqbel mal-akkuzat illi s-segwenti ghandhom ukoll jigu ddikjarati inammissibli:

> ***'Hu xtaq igibu iva'***
>
> ***'Hu ma jafx kif dawn il-barranin partikolari gabu n-numru imma kien jissusspetta minn fejn gabu n-numru'***
>
> ***'Iva minghand Scott'***
>
> ***'Scotts biss kellu n-numru tieghu'***

Madankollu, din il-Qorti ma taqbilx li ghandha tigi sfilzata s-sentenza meta x-xhud qal '***Hu kien imbezza minn kollox dak il-hin***' ghaliex din kienet tirrigwardja x'haseb ix-xhud fuq l-akkuzat u kif dan deher u mhux xi stat ta' fatt ta' x'qal l-akkuzat lix-xhud.

Fl-ahhar parti tax-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef, a fol. 44 tal-process, l-akkuzat indika li xtaq li s-segwenti frazi, li qed tigi sottolinjata tigiddikjarata inammissibli:

> *'L-ewwel meta morna d-dar, ommu cemplitlu biex jigi d-dar. Ma nafx x'qalilha.* ***<u>Ftit wara rega cempel u qalilha li qed jibza' jigi u mhux ser jigi, dan x'qalet ommu. Imbghad kellimtu jiena u qalli ghax jiena dhalt go basla u kien konfuz hafna.</u>****'*

Din il-Qorti hi tal-fhema illi dak li qalet omm l-akkuzat lix-xhud dwar dak li kien qalilha l-akkuzat ma ghandux jigi ddikjarat inammissibli. Madankollu, dak li qal l-akkuzat lix-xhud, ghandu jigi sfilzat. Ghaldaqstant dan il-paragrafu ghandu jaqra hekk:

> *'L-ewwel meta morna d-dar, ommu cemplitlu biex jigi d-dar. Ma nafx x'qalilha.* ***<u>Ftit wara rega cempel u qalilha li qed jibza' jigi u mhux ser jigi, dan x'qalet ommu………….'</u>***

Ix-xhud **<u>WPC 127 Carmen Gauci</u>** giet ukoll indikata mill-akkuzat fin-nota tieghu tat-28 ta' Marzu,2023 b'referenza ghal fol 55 tal-process. L-akkuzat jaghmel referenza ghal zewg frazijiet mix-xhieda ta' din ix-xhud u cioe':

> ***<u>'…Kevin gie fir-residenza u ghaddielna mobile u remote'</u>***

> ***<u>'Hemm hekk rcivejna telefonata fejn qalulna li Kevin kien qed ikompli jghin lill-pulizija fix-xoghol taghha fejn kien wriehom xi bir gewwa ghalqa wara l-Halland Hotel.'</u>***

Din il-Qorti temmen, illi l-kelma 'ghaddielna' fl-ewwel sentenza u l-ahhar parti biss tat-tieni sentenza ghandhom jigu ddikjarati inammissibli. L-ewwel frazi ghandha tigi ddikjarata inammissibli stante li m'hemmx prova li l-akkuzat inghata twissija

skond il-ligi vigenti qabel ma ghamel hekk u ghalhekk husetgha nkrimina ruhu. In oltre, iz-zewg frazijiet ghandhom jaqraw hekk:

***'…Kevin gie fir-residenza ……… mobile u remote'***

***'Hemm hekk rcivejna telefonata fejn qalulna li Kevin kien qed ikompli jghin lill-pulizija fix-xoghol taghha…..'***

Fir-rigward tax-xhud **PC 213 Nicolai Borg** issir referenza ghal fol. 59 tal-process fejn din il-Qorti tghid mill-ewwel illi fejn hemm referenza ghas-sentenza '***taghni l-mobile u kellu remote ta'xi garaxx***.' Din il-qorti temmen illi l-kelma 'taghni' ghandha tigi ddikjarata inammissibli u ghalhekk is-sentenza ghandha taqra hekk: '***….l-mobile u kellu remote ta'xi garaxx***.'. In oltre, fir-rigward tal-paragrafu li jghid hekk:

***'Ftit tal-hin wara qabadni PS 1174 fejn qalli li Kevin qed jikkollabora mal-pulizija u hadhom f'xi ghalqa wara l-Halland Hotel fejn kien hemm bir u kien hemm xi xkejjer u qalli biex immorru nassistuhom u morna hemm hekk u rajnihom jittelghu xi xkejjer minn go dan il-bir.'***

Din ghandha tigi emendata hekk fl-atti:

***'Ftit tal-hin wara qabadni PS 1174 fejn qalli li Kevin qed jikkollabora mal-pulizija ……………….. ghalqa wara l-Halland Hotel fejn kien hemm bir u kien hemm xi xkejjer u qalli biex immorru nassistuhom u morna hemm hekk u rajnihom jittelghu xi xkejjer minn go dan il-bir.'***

Folio 60 tal-process, l-akkuzat ghamel referenza ghas-segwenti sentenzi sottolinjati u dan sabiex jigu wkoll jigu ddikjarati inammissibli:

> 'Xhud: ***Kif wasal bil-van, inzilt jiena t-tarag, kont qed nistennih u kif wasalt, ghidtlu all right Kevin? Qalli iva. Hareg mill-karozza hekk u kienu f'idu u tahomli hekk mill-ewwel.***
>
> Avukat: Qallek xi haga dwarhom?
>
> Xhud: ***Aktarx qalli le kellu instructions biex jaghtihomli. Ma nafx ezatt x'gara imma tahomli mill-ewwel'***

Din il-Qorti ma taqbilx mal-akkuzat f'dan ir-rigward u ghalhekk tali sentenzi ghandhom jibqghu in atti.

L-akkuzat qieghed jitlob ukoll li jigu ddikjarati inammissibli xi partijiet tax-xhieda ta' **PC 1319 Matthew Xuereb**. Fol. 63 tal-atti processwali gew indikati s-segwenti u cioe' l-partijiet li huma sottolinjati:

> *'kunsens biex naghmlu tfittxija. Maghna baghat lil wiehed mill-haddiema jirrapprezenta lilu fejn fil-garaxx kien hemm toqba fil- hajt u jagħti ghal kuritur speci. Fuq gewwa tal-kuritur sibna 4 kaxxi suwed tal-plastic suspettati li kellhom id-droga fihom. Wara qaluli biex immorru fir-residenza ta' Kevin Sammut li qed ngharaf hawn hekk gewwa Casa Sammut Triq il-Imghazel Swieqi fejn ommu cemplitlu biex jigi d-dar ghax il-pulizija riedu jkellmuh. Wara ftit tal-hin cempel hu fejn qalilha mhux gej ghidtilha biex inkellmu. Kellimtu fejn jiena ghidtlu kemm ikellmek l-ispettur,* ***qalli le mhux vera ghax għaddejt mill-area u rajt xi nies vicin il-villa. Hu spjegali wkoll illi kien zamm xi xoghol ta' xi barrani u ma***

> ***riedx jigi. Kien ppanikkjat.*** *Kellmuh iktar nies min-naha taghna fosthom PS 579. Wara certu hin kkonvincewh u gie. X'hin gie morna fuqu. Ma offra ebda rezistenza.* ***Ghaddielna mill-ewwel il-mobile u remote tal-bieb tal-garaxx tal-villa*** *u Kevin mar ma PS 1174 u PC 10 marru jaghmlu xi searches ohra imma ahna bqajna ftit mal-genituri tieghu sakemm kkalmat ftit is-sitwazzjoni.* ***Wara ftit cemplilna PS 1174 biex immorru go ghalqa fejn Kevin indikalhom ghalqa fejn go fiha hemm bir u li kien hemm xi xoghol fil-bir. Tellghajna, kien hemm ammont ta' xkejjer, ammont ta' blokok suspettati droga.*** *Gew tal-forensic u ffotografaw u hadna kollox id-depot ghal iktar investigazzjoni'*

Din il-Qorti temmen illi dan il-paragrafu ghandu jaqra hekk:

> *'kunsens biex naghmlu tfittxija. Maghna baghat lil wiehed mill-haddiema jirrapprezenta lilu fejn fil-garaxx kien hemm toqba fil- hajt u jagħti ghal kuritur speci. Fuq gewwa tal-kuritur sibna 4 kaxxi suwed tal-plastic suspettati li kellhom id-droga fihom. Wara qaluli biex immorru fir-residenza ta' Kevin Sammut li qed ngharaf hawn hekk gewwa Casa Sammut Triq il-Imghazel Swieqi fejn ommu cemplitlu biex jigi d-dar ghax il-pulizija riedu jkellmuh. Wara ftit tal-hin cempel hu fejn qalilha mhux gej ghidtilha biex inkellmu. Kellimtu fejn jiena ghidtlu kemm ikellmek l-ispettur,* ***………………………………………………………………………… … Kien ppanikkjat.*** *Kellmuh iktar nies min-naha taghna fosthom PS 579. Wara certu hin kkonvincewh u gie. X'hin gie morna fuqu. Ma offra ebda rezistenza.* ***……………………….. il-mobile u remote tal-bieb tal-garaxx tal-villa*** *u Kevin mar ma PS 1174 u PC 10 marru jaghmlu xi searches ohra imma ahna bqajna ftit mal-genituri tieghu sakemm kkalmat ftit is-sitwazzjoni.* ***Wara ftit cemplilna PS 1174 biex immorru go ghalqa fejn……………. fejn go fiha hemm bir u li kien hemm xi xoghol fil-bir. Tellghajna, kien***

***hemm ammont ta' xkejjer, ammont ta' blokok suspettati droga.*** *Gew tal-forensic u ffotografaw u hadna kollox id-depot ghal iktar investigazzjoni'*

Id-difiza talbet l-inammissibilta' ukoll ta' parti mix-xhieda ta' **PS 1174 Adrian Sciberras** a fol. 108 tal-process u cioe' fil-parti fejn hemm ritenut hekk:

*'**Kevin Sammut hadna hu stess, qalilna imxi ser nehodkom fejn hemm iktar affarijiet fejn hadna go ghalqa li tigi wara l-Halland Hotel u mmarkalna t-toqba hu stess u qalilna li fiha kien hemm xi xkejjer b'ammont ta' droga. Jien inzilt fit-toqba u minn hemm hekk tellghajt l-ixkejjer flimkien ma PS 1086 u bdejna ntellghu l-ixkejjer fil-wicc'***

Fil-fhema ta' din il-Qorti, dan il-paragrafu ghandu jigi mibdul bis-segwenti, fejn il-puntini jindikaw il-partijiet li ghandhom jigu sfilzati:

*'**………………………………………………. fejn ………. go ghalqa li tigi wara l-Halland Hotel ………………toqba ………………… li fiha kien hemm xi xkejjer b'ammont ta' droga. Jien inzilt fit-toqba u minn hemm hekk tellghajt l-ixkejjer flimkien ma PS 1086 u bdejna ntellghu l-ixkejjer fil-wicc'***

L-akkuzat qieghed jitlob ukoll li tigi ddikjarata inammissibli parti sostanzjali tax-xhieda tas-**Supretendent Norbert Ciappara** a fol. 110 et seq tal-atti processwali. Ghalhekk din il-Qorti sejra tindika parti, parti dak li qed jigi mitlub li jigi ddikjarat inammissibli u jekk taqbilx *o meno*. L-akkuzat beda billi indika l-ewwel paragrafu li jibda a fol. 110 u jkompli a fol.111 tal-process:

***'… minn dak li konna qed ninvestigaw seta' jirrizulta li Kevin kien qed jahbi wkoll xi droga fil-gardini ta' dawn il-***

***vilel. Sussegwentament mill-informazzjoni li konna qed nigbru, wiehed mill-postijiet suspettati kienet Villa Nina li hija propjeta ta' certu avukat Ingliz li huwa pensjonant u qieghed hawn Malta.'***

Din il-Qorti ma taqbilx li din il-parti tax-xhieda tas-Supretendent Ciappara ghandha tigi ddikjarata inammissibli u dan stante li hawnhekk is-Supretendent beda jiddeskrivi l-investigazzjonijiet u s-suspetti li huma kellhom fl-akkuzat qabel dan tal-ahhar gie mitkellem.

It-tieni parti tax-xhieda tas-Supretendent Norbert Ciappara li l-akkuzat qieghed jitlob l-inammissibilta' taghha, tibda minn fol. 111 u tkompli ghal fol. 112 kollha:

'***Sussegwentement jiena kif wasalt gejt muri fetha gol-hajt tal-garaxx in-naha tax-xellug li meta tidhol fiha tigi bejn il-hajt tal-garaxx u l-blat tal-pedament. Kien hemm kuritur dejjaq, tidhol u go fih kif ddur fuq il-lemin stajt nara li kien hemm 4 kannestri kbar tal-plastic li meta tbexxaq wiehed minnhom tinduna li kien hemm blokki li kienu suspsettati li setghu kienu droga. Sussegwentement infurmajt ergajt lill-magistrat Quintano u hu hatar diversi esperti, fosthom lill-Perit Richard Aquilina li acceda fuq il-post flimkien mas-scene of the crime officers cioe PS 239 u PS 198 li gew fuq il-post li ffotografaw u elevaw l- affarijiet u ttiehdu l-kwartieri generali tal-pulizija fejn imbghad l-ispizjar Mario Mifsud beda jiftah dawn il-kannestri fil-presenza ta' Jonathan Sammut, hu Kevin Sammut li dak il-hin kien arrestat u kien qed jigi investigat rigward jekk kellux involvement f'dan il-kaz. Sussegwentement wkoll iktar tard kont prezenti meta inhattew l-ixkejjer li Kevin Sammut kien wera u indika lill-pulizija fejn kienu gew fotografati mis-scene of the crime***

*officers u kien hemm l-Ispizjar Mario Mifsud prezenti wkoll. Irrid nghid li fid-9 ta' Settembru 2009 jiena kont intervistajt lil Kevin Sammut li hu min-naha tieghu milaxxja stqarrija ta' 5 faccati dettaljata hafna fejn hu qalli x'kien l-involviment tieghu Hu fil- fatt kien spjegali li kien gie avvicinat minn certu persuna, certu Scott Dixon sabiex izommlu ammont kbir ta' droga, hu kien taghni l-figura li kien nghata li kienet bejn 500 u 700 kilo ta" haxixa biex tinheba u ta' dan kienu ser jaqilghu 7000 Euro kull wihed. Sussegwentement hu qalli li kien rcieva telefonata anke minghand dan Scott Dixon fejn imbghad kienu ltaqghu ma persuna ta' nazzjonalita Maltija li hu ma kienx jaf x'jisimha pero qalli li jekk jarah jidentifikah u sussegwentement baqa' jirrakkontali l-istorja kollha, anke fejn indika li kien hemm xi zmien wara li hu nghata din l-ammont ta' sustanza li hass li ma kellux il-kapacita biex jahbiha u jzommha u beda jitlobhom biex jehduha lura. Qalli li kien hemm diversi tentattivi biex jagħtihilhom lura pero kien hemm ftehim bejnu u bejn Scott Dixon wara certu zmien biex izommlu xi haga minnha u fil-fatt anke bdew ibieghu xi haga minnha. Pero hu qalli li dejjem l- intenzjoni tieghu kienet li jehles mill-bulk u mil-lot. L-idea li jzommu xi haga minnha u jbieghuha kienet giet min-naha ta' Scott Dixon fejn hu meta darba minnhom qallu anke sahansitra ser narmieha jew nahraqha, kien hemm komunikazzjoni minn bniedem barrani li rrefera ghalih bhala Bulgaru li qallu jekk ma jigi hadd ghaliha sat-Tnejn m'ghadekx responsabbli. Hu qalli li Scott Dixon kien qallu biex izomm xi haga minnha biex jaqilghu xi haga tal-flus. Qalli li fil-fatt zamm dawk li kellu go Villa Nina. u infatti bdew ibieghu xi haga minnha. Meta Scott beda jaghmel il-kuntatti, jgħidlu li ser icempillu persuna u hu kien jagħti skond kemm jgħidlu Scott Dixon minn dik id-droga lil dik il-persuna u qasmu xi flus wkoll bejniethom. Irrid nghid wkoll*

***li hu kien taghna wkoll l-informazzjoni dwar Scott Dixon li dan kien jafu bhala boxer u li kien jittrenja fi club wkoll in-naha tal-Balluta'***

Din il-Qorti sejra tipproduci l-istess test, u tindika b'puntini fejn hi tal-fhema li ghandu jkun hemm xi kliem li ghandhom jigu ddikjarati inammissibli:

*'**Sussegwentement jiena kif wasalt gejt muri fetha gol-hajt tal-garaxx in-naha tax-xellug li meta tidhol fiha tigi bejn il-hajt tal-garaxx u l-blat tal-pedament. Kien hemm kuritur dejjaq, tidhol u go fih kif ddur fuq il-lemin stajt nara li kien hemm 4 kannestri kbar tal-plastic li meta tbexxaq wiehed minnhom tinduna li kien hemm blokki li kienu suspsettati li setghu kienu droga. Sussegwentement infurmajt ergajt lill-magistrat Quintano u hu hatar diversi esperti, fosthom lill-Perit Richard Aquilina li acceda fuq il-post flimkien mas-scene of the crime officers cioe PS 239 u PS 198 li gew fuq il-post li ffotografaw u elevaw l- affarijiet u ttiehdu l-kwartieri generali tal-pulizija fejn imbghad I- ispizjar Mario Mifsud beda jiftah dawn il-kannestri fil-presenza ta' Jonathan Sammut, hu Kevin Sammut li dak il-hin kien arrestat u kien qed jigi investigat rigward jekk kellux involvement f'dan il-kaz. Sussegwentement wkoll iktar tard kont prezenti meta inhattew l-ixkejjer ……………………………….. fejn kienu gew fotografati mis-scene of the crime officers u kien hemm l-Ispizjar Mario Mifsud prezenti wkoll. ……………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………………'***

A fol. 113 tal-process l-akkuzat talab ukoll li tigi ddikjarata inammissibli s-segwenti sentenza:

> ***'…s-Sur Sammut eventwalment ser jiddeponi kontra haddiehor li diga tressqu. Tnejn quddiem il-Magistrat Quintano u tnejn quddiem din il-Qorti.'***

Din il-Qorti tinnotta li dan huwa kliem l-Avukat difensur u ghaldaqstant din il-Qorti qedgha tichad li din is-sentenza tigi ddikjarata inammissibli.

L-akkuzat talab ukoll a fol. 114 tal-process li tigi ddikjarata inammissibli s-segwenti:

> ***'Mela qed nara x-xhieda guramentata ta' Kevin Sammut illi huwa ta' quddiem il-Magistrat Anthony Micallef Trigona fid-9 ta' Settembru stress filghaxija fil-prezenza tieghi. Qed ngharaf il-firma tieghi, dik ta' PS 1086 u Kevin Sammut ghazel li jiffirma l-istqarrija li tifforma parti minn fol 4 sa fol 8 tal-istess process.'***

Fir-rigward tal-paragrafu sucitat, din il-Qorti tilqa' t-talba tal-akkuzat u tghid li dan ghandu jigi ddikjarat inammissibli fl-intier tieghu.

Fir-rigward tax-xhud **PS 1086 Johann Micallef** a fol. 144 u 145 tal-process, qed jintalab li jigi ddikjarat inammissibli s-segwenti:

> ***'Iktar tard rcevejt struzzjonijiet sabiex ninzel quddiem Villa Nina u nistenna lis- Supt Norbert Ciappara u malli wasal fuq il-post dhalna biex naghmlu tfittxija fir-residenza gewwa Villa Nina. Ahna kellimna lill-propjetarju li kien Mr Jump.***

***Identifikajna ruhna bhala pulizija u ghidnilu li konna qed nistennew mandat biex naghmlu tfittxija fejn taghna l-go ahead li jekk irridu infittxu kellna awtorizzazzjoni minghandu li stajna infittxu. Inzilna fil-garaxx fejn malli ftahnieh kien deher li kien hemm xi cnagan neqsin mill-genb. Dhalna go din it-toqba u iktar l- gewwa instabu 4 kaxxi suwed. Naf li gew tal-forensika u harguhom minn go din it-toqba pero ma kontx prezenti dak il-hin meta infethu. Kont prezenti iktar tard meta rajt li kien fihom xi pakketti hodor suspettati cannabis grass u waqt li skortajthom mas-Supt Ciappara u tal- forensika gewwa l-kwartieri generali taghna, rcevejt struzzjonijiet ohra sabiex immur wara l-Halland Hotel gewwa s-Swieqi. Hemm hekk sibt kollegi ohra tieghi flimkien ma Kevin Sammut fejn gejt infurmat li Kevin Sammut minn jeddu kien qalilhom li kien hemm xi xkejjer ohra gewwa toqba u kien lest li jurihomlna. Ghent lil kollegi tieghi johorgu xi xkejjer minn go din it-toqba u dak il-mument Kevin kompla jghidli lili jekk ma konniex sibna 1- affarijiet l-ohra gewwa Villa Nina. Ghidtlu iva konna sibniehom. Qalli gbartu kollox? Ghidltu l-kaxxi sibniehom. Qal li kien hemm xi haga ohra li konna ghadna ma sibnihomx u kien lest li jagħtihomina. Infatti morna mieghu gewwa Villa Nina fejn ftahna l-garaxx u minn fuq l-ixkaffa hu stess wriena li kien hemm zewg blokok ohra. Hadniehom u inzilna flimkien fil-kwartieri generali. Kont prezenti wkoll ghall-istqarrija li ta' Kevin Sammut l-ghada.'***

Din il-Qorti temmen illi fir-rigward ta' dan ix-xhud, il-Qorti taqbel li certu partijiet ghandhom jigu ddikjarati inammissibli u ghalhekk t-test ghandu jipprovdi hekk:

***'Iktar tard rcevejt struzzjonijiet sabiex ninzel quddiem Villa Nina u nistenna lis- Supt Norbert Ciappara u malli wasal fuq***

*il-post dhalna biex naghmlu tfittxija fir-residenza gewwa Villa Nina. Ahna kellimna lill-propjetarju li kien Mr Jump. Identifikajna ruhna bhala pulizija u ghidnilu li konna qed nistennew mandat biex naghmlu tfittxija fejn taghna l-go ahead li jekk irridu infittxu kellna awtorizzazzjoni minghandu li stajna infittxu. Inzilna fil-garaxx fejn malli ftahnieh kien deher li kien hemm xi cnagan neqsin mill-genb. Dhalna go din it-toqba u iktar l- gewwa instabu 4 kaxxi suwed. Naf li gew tal-forensika u harguhom minn go din it-toqba pero ma kontx prezenti dak il-hin meta infethu. Kont prezenti iktar tard meta rajt li kien fihom xi pakketti hodor suspettati cannabis grass u waqt li skortajthom mas-Supt Ciappara u tal- forensika gewwa l-kwartieri generali taghna, rcevejt struzzjonijiet ohra sabiex immur wara l-Halland Hotel gewwa s-Swieqi. Hemm hekk sibt kollegi ohra tieghi flimkien ma Kevin Sammut fejn gejt infurmat …………………………. li kien hemm xi xkejjer ohra gewwa toqba………………………. Ghent lil kollegi tieghi johorgu xi xkejjer minn go din it-toqba………………………………………………………………………… ………………………………………………………………………………… …………….. morna ………… gewwa Villa Nina fejn ftahna l-garaxx u ………. fuq l-ixkaffa ……………………….kien hemm zewg blokok ohra. Hadniehom u inzilna flimkien fil-kwartieri generali……………………………………………………………………… ….'*

Fir-rigward tax-xhud **Lawrence Degabriele,** l-akkuzat qieghed jitlob l-isfilz tas-segwenti a fol. 151 u 152 tal-process:

***'Xhud: … … … staqsieni biex immur jien mas-Supretendent Ciappara u mort f'ismu***

***Qorti: U fejn mort meta mort mas-Supretendent Ciappara?***

***Xhud: Fil-garaxx***

***Qorti: U meta kont fil-garaxx jekk rajt, x'rajt?***

***Xhud: Kien hemm hofra fil-hajt u s-Sur ciappara u n-nies tieghu hargu kaxxi tal-plastic***

***Pros: Minn din il-hofra***

***Xhud: Iva***

***Qorti: nghid sew li din il-hofra ma kinitx just hofra imma l-hofra kienet tiehdok ghal xi mkien?***

***Xhud: Bejn il-pedamenti u l-blat hux***
***Qorti: Nista niddeskrivi l-qoxra bhala qisha passagg?***

***Xhud: Tista' tghidilha passagg iva***

***Pros: Inti dak iz-zmien kont carer mas-Sur Jump?***

***Xhud: Iva'***

Din il-Qorti tghid illi hi tal-fhema illi ix-xhieda ta' Louis Degabriele ma ghandiex tigi mittifsa u ghalhekk mhux tintlaqa' it-talba tal-akkuzat f'dan ir-rigward.

L-akkuzat ghamel referenza wkoll ghax -xhieda ta' **PS 239 Joseph Caruana u PS 198 Arthur Debattista** a fol. 186 tal-process u ghar-rapport esebit bhala Dok JC.

L-akkuzat permezz tal-avukati tieghu ndikaw is-segwenti bhala x-xhieda li ghandha tigi sfilzata:

> ***'Hemm hekk fuq il-post gejna indikati fetha gewwa l-hajt mill- Ispettur Ciappara fejn fiha instabu 4 kannesti kontenenti pakketti suspettati droga. Wara li gew fotografati dawn gew mehuda gewwa l-laboratorju forensiku fejn iktar tard gew mghoddija lil Mario Mifsud. Dak inhar stess ghall-habta tal-11.20 ergajna accedejna fuq il-post fejn hemm kien hemm prezenti wkoll Kevin Sammut li indikalna kaxxa gewwa garaxx li kien fiha zewg pakketti b'sustanza suspettata droga fejn dawn wara li gew fotografati gew elevati mnn PS 198 Arthur Debattista. Nhar id-9 ta' Settembru 2009 ghall-habta ta' 10.30am ahna konna prezenti gewwa l-Laboratorju Forensiku flimkien ma' l-Ispizjar Mario Mifsud u PS 659 Jeffrey Hughes u diversi membri tad-drug squad fejn hawn gew ezaminati l-pakketti elevati l-gurnata ta' qabel minn fuq il-post ta' l-incident u gew mehuda ritratti, kull pakkett gie mizmum u gie mehud ritratti taghhom. Qed nipprentaw ir-relazzjoni taghna flimkien ma 161 ritratt u qed jigi pprezentat ukoll id-dokument 09 PWU 206A.'***
>
> ***Il-Qorti: dak ir-rapport qed jigi esebit bhala Dok JC'***

Din il-Qorti, kif ghamlet diga diversi drabi, sejra tipproduci l-istess test u fejn jidrilha li ghandu jigi ddikjarat inammissibli ser tindikah b'puntini:

***'Hemm hekk fuq il-post gejna indikati fetha gewwa l-hajt mill- Ispettur Ciappara fejn fiha instabu 4 kannesti kontenenti pakketti suspettati droga. Wara li gew fotografati dawn gew mehuda gewwa l-laboratorju forensiku fejn iktar tard gew mghoddija lil Mario Mifsud. Dak inhar stess ghall-habta tal-11.20 ergajna accedejna fuq il-post fejn hemm kien hemm prezenti wkoll Kevin Sammut …………………….. kaxxa gewwa garaxx li kien fiha zewg pakketti b'sustanza suspettata droga fejn dawn wara li gew fotografati gew elevati mnn PS 198 Arthur Debattista. Nhar id-9 ta' Settembru 2009 ghall-habta ta' 10.30am ahna konna prezenti gewwa l-Laboratorju Forensiku flimkien ma' l-Ispizjar Mario Mifsud u PS 659 Jeffrey Hughes u diversi membri tad-drug squad fejn hawn gew ezaminati l-pakketti elevati l-gurnata ta' qabel minn fuq il-post ta' l-incident u gew mehuda ritratti, kull pakkett gie mizmum u gie mehud ritratti taghhom. Qed nipprentaw ir-relazzjoni taghna flimkien ma 161 ritratt u qed jigi pprezentat ukoll id-dokument 09 PWU 206A.'***

***Il-Qorti: dak ir-rapport qed jigi esebit bhala Dok JC'***

Fir-rigward ta' Dok JC, specifikament a fol. 9 paragrafu 12 ta' dan id-dokument wiehed isib is-segwenti sentenza: ***'Hawn gewwa l-garaxx fuq l-ixkaffar, l-esponenti gew indikati minn Kevin Sammut kaxxa ta' 'health O meter' Dial Scale li gewwa fiha kien hemm zewg pakketti b'sustanza ta' lewn skur…*** ' Din il-Qorti hi tal-fhema illi parti minn din is-sentenza ghandha tigi sfilzata u ghalhekk tigi taqra hekk:

***'Hawn gewwa l-garaxx fuq l-ixkaffar, ………………………. kaxxa ta' 'health O meter' Dial Scale li gewwa fiha kien hemm zewg pakketti b'sustanza ta' lewn skur…*** '

Fin-nota tieghu l-akkuzat, indika wkoll x-xhieda tal-**Perit Richard Aquilina** a fol. 188 et seq tal-process, kif ukoll ir-relazzjoni tieghu mmarkata bhala Dok RA. Il-parti tax-xhieda tal-Perit Aquilina, li d-difiza qeghda titlob li tigi ddikjarata bhala inammissibli hija s-segwenti:

> *'Xhud: ... Qed nesebixxi r-relazzjoni in konnessjoni ma Villa Nina*
>
> *Qorti: Esebita bhala Dok RA*
>
> *Xhud: Kif wkoll relazzjoni rigwardanti ghalqa accessibbli minn Triq il-Habba fejn kien hemm ammont ta' xkejjer go bir bil-cannabis*
>
> *Qorti: Dok RA1*
>
> *... ... ... ... ... ... ... ....*
>
> *Xhud: Iva. Fl-ghalqa dok RA1'*

Din il-Qorti hi tal-fhema illi x-xhieda tal-Perit Aquilina ghandha tibqa' mhux mittifsa, kif ukoll iz-zewg relazzjonijiet tieghu.

Fir-rigward tal-**Ispizjar Mario Mifsud**, l-akkuzat ukoll qed jitlob l-inammissibilta' tas-segwenti xhieda sottolinjata, a fol. 216 et seq tal-process:

> *'Xhud: Iva nahlef. Jiena ser nipprezenta zewg relazzjonijiet ghax hemm zewg kazi. Dan il-kaz huwa fl-atti tal-inkjesta dwar allegat sejba ta' sustanza suspettata droga ta' l-abbuz fil-fond Villa Nina Triq il-Fortizza Madliena fit-8 ta' Settembru 2009*

*Qorti: Dok MM*

*Xhud: Ha naqra l-konkluzjonijiet. Li it-63 blokka ta' pjanti pressati li kien hemm fid-dokument 464/09/01 sa 464/09/05 rispettivament li l-piz nett totali taghhom kien ta' 62,961.8 grammi instabu li kienu pjanti tal-cannabis. Dawn il-blokki ta' pjanta tal-cannabis instabet fihom is-sustanza THC, il-purita medja kienet ta' circa 8.4%. li 1-20 blokka ta' sustanza kannella li kien hemm fid- dokumenti 464/09/03 u 464/09/04 rispettivament li l-piz nett totali taghhom kien ta' 19,683.6 grammi instabu li kienu raza tal-pjanta tal-cannabis. Il-purita ta' dawn kienet ta' circa 9.2%. ghamilt ukoll il-prezz ta' dawn kemm ta' 1-20 blokka razi u tat-63 blokka tal-pjanta tal-cannabis u telghu ghal 944,805 Euro. Id-dokument li fuqhom saru l-analizi qed jigu prezentati ma din ir-relazzjoni*

*Qorti:* Dik hija *dok MM*

*Xhud: Issa t-tieni relazzjoni hija fl-atti ta' l-inkjesta dwar allegat sejba ta' sustanza suspettata droga ta' l-abbuz gewwa hofra that l-art fl- inhawi ta' Victoria Gardens Ibragg nhar it-8 ta' Settembru 2009. Bhala konkluzjonijiet, li it-389 blokka ta' pjanti pressati li kien hemm fid-dokument 67/10/01 li l-piz nett totali taghhom kien ta' 378,884.4 grammi instabu li kienu pjanti pressati tal-cannabis. F'dawn il-pjanti pressati tal-cannabis instabet fihom is-sustanza THC. Hdimt ukoll il-prezz ta' dawn li telghu 4,925,497 Euro. Id-dokumenti li fuqhom saru l-analizi qed jigu prezentati ma din ir- relazzjoni*

*Qorti: Dok MM1*

***……..***

***Xhud: Fejn kien hemm il-grass ghax fejn kien hem mir-raza imxejt mal-prezz tar-raza***

*Avukat: Ezatt. Jigifeiri ara hux qed nifhem tajjeb, inti partikolarment in kwantu jikkoncerna t-tieni relazzjoni tieghek, inti ma dhaltx fl- istat jew mhux stat ta' din ir-raza jew grass li kellek*

***Xhud: Le jiena rajt kollox***

*Avukat: meta inti hdimt il-prezz pero bqajt fuq il-prezz li għandna fid-drug national sheet u għamilt il-multiplication*

***Xhud: Ezattament***

*Avukat: uzajt is-solitu konsiderazzjonijiet li jintuzaw fil-valuri*

***Xhud: Ezatt***

*Avukat: Jiena ghal issa xtaqt nikkonstata bhala stat ta' fatt jekk mexiex mas-solitu drug national agency u ghamel multiplication*

***Xhud: Iva hekk hu'***

Din il-Qorti rat din ix-xhieda u rat ukoll iz-zewg relazzjonijiet pprezentati mix-xhud, immarkati bhala Dok MM u Dok MM1 u hi tal-fhema li xejn minn dan m'ghandu jigi ddikjarat inammissibli u sussegwentament sfilzat.

L-akkuzat ghamel referenza wkoll ghax-xhieda ta' **PC 1253 Fredrick Brincat** li tinsab a fol. 335 et seq tal-process fejn talab li tigi ddikjarata inammissibli x-xhieda sottolinjata:

*'Xhud: Iva nahlef.* ***<u>Nhar it-8 ta' Settembru 2009 fuq nomina tal-magistrat Quintano gejt nominat sabiex naccedi gewwa ghalqa fl-inhawi ta' Victoria Gardena Ibragg fejn go din l-ghalqa kien hemm hofra go l-art fejn instabu xi sustanzi suspettati droga. Jiena kont nominat bhala scene of crime officer. Jiena hadt hsieb biex neleva dawn is-sustanziminn hemm hekk u nkun prezenti waqt it-trasport taghhom lejn id-depot u imbghad sabiex jigu analizzati hemm hekk mill-esperti koncernati. Dwar dan kollu qed nipprezenta r-relazzjoni.'</u>***

***<u>Qorti: Esebita bhala Dok FB'</u>***

Din il-Qorti wara li rat din ix-xhieda u r-relazzjoni mmarkata bhala Dok FB hi tal-fhema li xejn minn dan m'ghandu jigi ddikjarat inammissibli u sussegwentament sfilzat.

**<u>Is-Supretendent Norbert Ciappara</u>** rega' xehed a fol. 373 et seq tal-process, u dan pprezenta Dok NCa u cioe' *mobile* Samsung li kien gie elevat fit-8 ta' Settembru, 2009 minn fuq il-persuna ta' Kevin Sammut, kif ukoll Dok NCb, ir-*remote* tal-*garage* ta' Villa Nina li wkoll kienet giet elevata minn fuq il-persuna ta' Kevin Sammut. Dan tal-ahhar talab li Dok NCa u Dok NCb ghandhom jigu ddikjarati inammissibli. Din il-Qorti ma taqbilx u dan minkejja l-fatt illi kif jista' jigi nnutat *supra*, fejn saret indikazzjoni li l-akkuzat ghadda dawn l-istess *mobile u remote* lill-pulizija , din il-Qorti ddikjarata inammissibli. Ir-raguni ghal dan hi li fil-ligi ta' Malta ma ghandhiex il-principju tal-'*fruit of the forbidden tree*'. Dan hu precett predominanti hafna fis-sistema legali Amerikana fejn il-logika ta' warajh trid illi jekk is-sors innifsu ta' l-akkwist ta' l-evidenza huwa illecitu, allura kull haga li tiddixxendi minn tali sors huwa wkoll illegali. Madankollu, din il-Qorti terga' issostni illi tali principju ma jezistix fl-ordinament guridiku Malti u ghalhekk qedgha tichad it-talba tal-akkuzat f'dan ir-rigward. (vide Appell Nru: 110 / 2019 **<u>Il-Pulizja Spettur Fabian Fleri</u>**

**Spettur James Grech Vs Dragana Mijalkovic**[3]**, deciza nhar is-17 ta' Settembru, 2019**)

L-akkuzat ghamel referenza wkoll ghax-xhieda ta' **PC 404 Paul Camilleri** a fol. 400 et seq tal-process fejn gie ritenut hekk:

> *Xhud: Iva nahlef.* ***Qed nipprezenta rapport dwar hofra fl-inhawi ta' ….Gardens Ibragg fejn instabu xi ammont ta' boroz mohbija f'din l-istess hofra. Flimkien ma din ir-relazzjoni qed nipprezenta 542 ritratt bil-kulur li jiddeskrivu l-process u d-droga li hemm.***
>
> *Qorti: dik ir-relazzjoni qed tigi pprezentata bhala* **Dok PC**

Il-Qorti fliet Dok PC u tikkonkludi illi hi tal-fhema illi ma hemmx lok ta'inammissibilta la ghax-xhieda ta' PC 404 sucitata u lanqas ta' Dok PC u ghalhekk it-talba tal-akkuzat f'dan ir-rigward ukoll qed tigi michuda.

L-akkuzat qieghed jitlob ukoll l-inammissibilta' ta' parti mix-xhieda ta' **PC 1525 Patrick Farrugia** a fol. 405 tal-process u cioe' l-parti sottolinjata:

> *'Xhud: Iva nahlef.* ***Qed nikkonferma l-kontenut tar-relazzjoni gja prezentata minn PS 659 Jeffrey Hughes li mieghu jiena kont qieghed kongunt fiha u qed nikkonferma l-kontenut taghha huwa minnu u ghamilna xoghol flimkien u m'ghandi xejn xi nzid.'***

Ix-xhud PC 1525 Patrick Farrugia qieghed jirreferi f'din ix-xhieda ghal Dok JH a fol. 328 et seq tal-process hekk kif kien ezebit mix-xhud PS 659 Jeffrey Hughes.[4] Din il-

[3] Deciza minn din l-Onorabbli Qorti nhar 17 ta' Settembru, 2019.
[4] Fol. 325 et seq tal-process.

Qorti mhux tal-fhema illi x-xhieda sucitata u Dok JH ghandhom jigu ddikjarati inammissibli u ghalhekk qedgha tichad it-talba tal-akkuzat f'dan ir-rigward.

L-akkuzat indika wkoll fin-nota tieghutat-28 ta' Marzu, 2023, illi parti mix-xhieda ta' **Dr Nicholas Borg** kif ukoll CD esebita minnu u mmarkata bhala Dok NB ghandha tigi ddikjarata inammissibli. B'referenza ghal fol. 408 ,tal-process l-akkuzat qieghed jitlob li jigu ddikjarati inammissibli l-bicciet sottolinjati:

> *'Xhud: **Gejt mitlub naghti call profile ta' l-incoming and outgoing calls u sms's fuq 994492,55 u l-istess fuq 99168123mill-1 ta' Gunju 2009 sad-9 ta' Settembru 2009. Fir-rigward ta' 99449255 ghandi l-evidenza kollha fuq CD biex nipprezentaha***
>
> *Qorti: Liema CD qed tigi esebita bhala **Dok NB***
>
> ……………….
>
> *Xhud: **Tifforma parti mis-CD.'***

Din il-Qorti tghid illi ma hemmx raguni gustifikata sabiex tintlaqa t-talba tal-akkuzat ghall-inammissibilta' f'dan ir-rigward u ghalhekk it-talba tieghu qeghda tigi michuda.

L-akkuzat talab ukoll l-inammissibilta' tax-xhieda ta' **Martin Bajada**[5] kif ukoll ir-relazzjoni tieghu mmarkata bhala Dok MB. Da parte l-akkuzat, gie mitlub li jigu ddikjarati inammissibli s-segwenti kliem sottolinjati:

[5] Fol. 415 et seq tal-process

*'Xhud: Iva nahlef. Kont gejt mitlub minn din il-Qorti sabiex naghmel kopji ta' Dok MB u nghaddi kopja lill-prosekuzzjoni u lid-difiza. Fil-fatt ghamilt il-kopji u ghaddejtilhom wahda kull wiehed. U **<u>gejt mitlub biex nohrog il-kontenut kollu minn fuq Dok NCA li huwa mobile cellulari li kien gie pprezentatfis-seduta tal-4 ta' Awissu 2010. F'pozizzjoni nipprezenta r-relazzjoni tieghi u nirritorna d-dokumenti msemmija.</u>***

*Qorti: Esebita r-relazzjoni bhala **<u>Dok MB'</u>***

Din il-Qorti tghid li sejra tichad it-talba tal-akkuzat fir-rigward tal-inammissibilta' tax-xhieda sucitata, kif ukoll ta' Dok MB.

Ghal darb' ohra, l-akkuzat ghamel referenza fin-nota tieghu ghax-xhud **<u>PC 1525 Patrick Farrugia</u>**, li xehed flimkien ma **<u>PS 659 Jeffrey Hughes</u>** a fol. 435 et seq tal-process. Permezz tan-nota tieghu, l-akkuzat Sammut qieghed jitlob l-inammissibilta' tas-segwenti:

*Xhud: Iva nahlef. Nhar it-8 ta' Settembru 2009 konna gejna nominati mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano rigwardanti sejba ta' sustanza suspettata droga ta' l-abbuz gewwa Victoria Gardens Ibragg, precizament gewwa bir go ghalqa. **<u>Ahna accedejna gewwa l-kwartieri generali tal-pulizija dak inhar u sussegwentement fil- granet ta' wara peress li kien hemm ammont konsiderevoli u l-ftuh tal-pakketti li kien fiha is-sustanza ha ftit taz-zmien. Kif kien lest dan il-process ta' ftuh u accertar tal-kontenut flimkien ma' l- Ispizjar Mario Mifsud u l-esperti l-ohra tas-SOCO ghamilna l- ezamijiet kimici fuq il-pakketti tal-plastic li kienu jikkontjenu s-sustanza imsemmija. Gew zviluppati xi mpronti digitali minn fuq diversi pakketti differenti li taghhom qed nizviluppaw ir-ritratti ta' minn fejn gew zviluppati dawn l-</u>***

***impronti u ta' l-impronti nnifishom. Flimkien ma dan ir-rapport hawn ir-ritratti relattivi u qed nipprezentaw ukoll l-esebiti kollha in konnessjoni mal-kaz b'kollox hemm 28 xkora li fihom jikkontjenu bejn wiehed u ichor xi 500 pakkett. Flimkien gew izolati ghalihom il-boroz li minn fuqhom instabu l-impronti digitali halli jkunu iktar accessibli ghal min għal kull buon fini jkun irid jikkonferma xi affarijiet. M'għandna xejn iktar xi nzidu jew innaqqsu mar-relazzjoni taghna***

***Qorti: Esebita r-relazzjoni bhala Dok PF'***

PC 1525 Patrick Farrugia u PS 659 Jeffrey Hughes regghu xehedu ghat-tieni darba flimkien nhar il-11 ta' Jannar 2011.[6] F'din l-istanza l-akkuzat ukoll talab ghall-inammissibilta' ta' parti mix-xhieda taghhom, kif ukoll ghall-nammissibilita' ta' Dok PF/JH. Ix-xhieda li qed jintalab l-isfilz taghha hija dik li ser tigi sottolinjata hawn taht:

*'Xhud: Iva nahlef.* ***Gejna nominati nhar it-8 ta' Settembru 2009 dwar sejba ta' sustanza suspettata droga gewwa Green Grove Guesthouse Triq id-Dris Swieqi. Qed nipprezentaw kopja tar-relazzjoni originali taghna flimkien mar-ritratti mehuda ghall-impronti digitali li nstabu fuq l-affarijiet li gew mghoddija lilna mill-esperti tax-xena tar-reat.***

*Qorti: Esebita bhala* **Dok PF/JH'**

Il-Qorti, wara li rat ix-xhieda ta' PC 1525 Patrick Farrugia u PS 659 Jeffrey Hughes, kif ukoll ir-relazzjonijiet immarkati bhala Dok PF u Dok PF/JH tghid illi mhix tal-

[6] Fol. 464 et seq tal-process.

fhema illi dawn ghandhom jigu ddikjarati inammissibli ghal xi raguni jew ohra u ghalhekk qedgha tichad it-talba tal-akkuzat f'dan ir-rigward.

Illi fin-nota fejn l-akkuzat indika ix-xhieda jew partijiet minnha li ghandhom jigu ddikjarati inammissibbli, ghamel referenza ghall-**Ispizjar Mario Mifsud** u x-xhieda tieghu li tinsab a fol. 478 et seq tal-process u 526 et seq tal-process. Fil-kopja ta'din ix-xhieda, li l-akkuzat ipprezenta flimkien man-nota, m'hemm immarkat xejn u lanqas ma gie specifikat x'l-akkuzat xtaq jitlob il-Qorti sabiex tiddikjara bhala inammissibbli. Izda, fin-nota tieghu l-akkuzat qieghed jaghmel referenza wkoll ghar-relazzjonijiet kollha pprezentati minn dawn ix-xhieda hekk kif indikati. Ghalhekk peress li fix-xhieda tal-ispizjar Mario Mifsud a fol. 478 tal-process u fol. 526 tal-process rispettivament hemm referenza ghal Dok MM[7] u Dok MM1[8] din il-Qorti fliet dawn ir-relazzjonijiet. Madankollu, din il-Qorti tghid illi ma tarax li hemm raguni ghalxiex dawn ir-relazzjonijiet mmarkati bhala Dok MM u Dok MM1 ghandhom jigu ddikjarati inammissibli, u ghalhekk qedgha tichad it-talba tal-akkuzat f'dan ir-rigward.

Ghal darb' ohra, l-akkuzat rega' ghamel referenza ghax-xhieda tal-**Ispizjar Mario Mifsud** li tinsab a fol. 577 tal-process. F'dan il-kaz l-akkuzat qieghed jitlob l-inammissibilta' tas-segwenti kliem li qed jigu sottolinjati:

> *;Xhud: Jiena ha* ***nipprezenta relazzjoni li ghamiltha konguna ma' Francis Xavier Mangion deputat registratur ta' din il-Qorti ta' distruzzjoni ta' zewg (2) kazi ta' blokki ta' maruwana u ta' haxix mill-kazi sejba bil-fond Villa Nina, Triq Fortizza Madliena nhar it-tmienja (8) ta' Settembru ta' l-elfejn u disgha (2009) u sejba f'ghalqa fl-inhawi ta' Victoria Gardens, fil-limiti ta' Braccu, Swieqi, nhar it-tmienja (8) ta' Settembru ta' l-elfejn u disgha (2009).***

[7] Fol. 480 tal-process.
[8] Fol. 528 et seq tal-process.

*Qorti: Esebita dik ir-relazzjoni bhala* ***Dok. MM 1****. Thank you Spizjar Mifsud.'*

Il-Qorti rat din ix-xhieda u r-relazzjoni Dok MM1 a fol. 579 et seq tal-process u stante li ma temminx li hemm raguni sabiex dawnghandhom jigu ddikjarati inammissibli, qedgha tichad it-talba tal-akkuzat f'dan ir-rigward.

L-akkuzat ghamel referenza wkoll ghax-xhieda ta' **PS 171 Karl Glanville u PS465 Daniel Abela**, fejn intalab l-inammissibilita' tas-segwenti:

*'Xhud: Iva nahlef.* ***Qed nipprezentaw vera kopja tar-relazzjonijiet taghna dwar nomina bhala scene of the crime officers fl-inkjesta dwar sejba ta' sustanza suspettata llegali f'room 9 Green Grove, Triq id-Dris Swieqi fit-8 ta' Settembru, 2009. Din ir-relazzjoni bhala vera kopja tinkludi wkoll 59 ritratt bil-kulur.***

*Qorti: Esebita bhala* ***Dok KG.'***

Stante li din il-Qorti ma tarax li hemm raguni sabiex tiddikjara inammissibli x-xhieda sucitata , kif ukoll Dok KG, qedgha tichad it-talba tal-akkuzat f'dan ir-rigward.

Finalment, l-akkuzat jaghmel referenza ghax-xhieda ta' **PC 453 Brian Cassar** a fol. 798 tal-process. Hawnhekk l-akkuzat qieghed jitlob l-inammissibilita' tar-relazzjoni mmarkata bhala Dok BC kif ukoll ghas-segwenti xhieda sottolinjata:

*'Il-Qorti: Qed tigi* ***muri d-dokument BC a fol. 500*** *x'tista' tghidilna please?*

*Xhud: Naghraf li huwa **r-relazzjoni tieghi kif ukoll il-firem fuq l-istess rapport u r-ritratti ukoll li hadt jien stress.'***

Din il-Qorti terga' ttenni illi stante li ma tarax li hemm raguni valida sabiex tiddikjara inammissibli x-xhieda sucitata, kif ukoll Dok BC, qedgha tichad it-talba tal-akkuzat f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, in vista tas-suesport fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-akkuzat, din il-Qorti tghid illi filwaqt li qedgha tilqa' parti minnha skont kif gie ritenut *supra*, ai termini tal-Artikolu 597 tal-Kodici Kriminali, qedgha tordna wkoll korrezzjoni tal-Att t'Akkuza kif espress iktar il-fuq f'din is-sentenza.

In oltre, fir-rigward it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet ulterjuri, din il-Qorti tghid illi filwaqt li qed tichadhom, tordna li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji, hekk kif indikati minn din l-istess Qorti *supra* f'din l-istess sentenza.

**(ft) Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**

**VERA KOPJA**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**